**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0057/2019**

31.1.2019

# RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE
(2018/2110(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Jørn Dohrmann

Rapporteurs għal opinjoni (*):
Karin Kadenbach, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Keith Taylor, Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................21

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL ..........................................................................................................26

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .......................................34

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET ......................................................40

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................48

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........49

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni rigward ir-Regolament tal-Kunsill 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE (2018/2110(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li fil-"formolazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiċi tal-Unjoni, [...] l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali bħala esseri sensibbli",

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni ta' Implimentazzjoni Ewropea rigward ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, u l-annessi rilevanti tiegħu, kif ippubblikati mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS)[2] f'Ottubru 2018,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport[3],

– wara li kkunsidra l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat-12 ta' Jannar 2011 dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport[4],

– wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2011 dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (COM(2011)0700),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta’ Frar 2012 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015 (COM(2012)0006),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu Nru 49/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 dwar l-istabbiliment ta' limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla[5],

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015[6],

---

[1] ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

[2] http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/621853/EPRS_STU(2018)621853_EN.pdf

[3] ĠU C 434, 23.12.2015, p. 59.

[4] Ġurnal Uffiċjali tal-EFSA 2011:9(1):1966.

[5] Testi adottati, P7_TA(2012)0096.

[6] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export vs Stadt Kempten, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259.

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 dwar il-benessri tal-annimali fl-UE[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0057/2019),

A. billi l-UE, kif iddikjarat fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tqis l-annimali mhux bħala sempliċi oġġetti jew prodotti jew possessjonijiet, iżda bħala esseri sensibbli, li jfisser li huma kapaċi jħossu pjaċir u uġigħ; billi l-leġiżlazzjoni tal-UE ttraduċiet dan il-kunċett f'miżuri li għandhom jiżguraw li l-annimali jinżammu u jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li ma jirriżultawx f'moħqrija, abbuż, uġigħ jew tbatija; billi l-UE hija l-post fejn il-benessri tal-annimali huwa l-aktar irrispettat u difiż, u hija ta' eżempju għall-bqija tad-dinja;

B. billi kull sena miljuni ta' annimali jiġu ttrasportati bejn l-Istati Membri, fi ħdan l-Istati Membri u lejn pajjiżi terzi fuq distanzi twal għat-tgħammir, it-trobbija, it-tismin ulterjuri u l-qatla; billi l-annimali huma ttrasportati wkoll għal skopijiet ta' rikreazzjoni, għal wirjiet u bħala annimali domestiċi; billi ċ-ċittadini tal-UE huma dejjem aktar imħassba dwar il-konformità mal-istandards tal-benessri tal-annimali, b'mod speċjali fit-trasport tal-annimali ħajjin;

C. billi, skont id-definizzjoni tal-2008 tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), il-benessri tal-annimali jfisser li annimal ikun b'saħħtu, ikollu biżżejjed spazju, ikun mitmugħ tajjeb, iħossu sikur, ikun liberu li jaġixxu b'mod ta' mġiba normali u ma jsofrix minn sentimenti bħal biża', uġigħ u tbatija; billi dan mhuwiex il-każ fil-maġġoranza vasta ta' każijiet fit-trasport tal-annimali ħajjin, b'mod partikolari fuq distanzi kbar;

D. billi r-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport japplika għat-trasport tal-annimali vertebrati ħajjin kollha li jsir fl-Unjoni;

E. billi l-Istati Membri huma responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-infurzar korretti tar-Regolament fuq livell nazzjonali, inklużi l-ispezzjonijiet uffiċjali, filwaqt li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-iżgurar li l-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE kif suppost;

F. billi l-Istati Membri mhumiex qed jinfurzaw ir-Regolament 1/2005 b'mod strett biżżejjed fl-UE u bl-ebda mod mhuma qed ifittxu l-infurzar tiegħu barra mill-UE;

G. billi l-għadd kbir ta' ksur identifikat mid-DĠ SANTE tal-Kummissjoni fl-2017 f'diversi Stati Membri jirrikjedi l-bidu ta' proċedimenti rilevanti ta' ksur tat-Trattat;

H. billi t-trasport joħloq tensjoni kbira għall-annimali peress li jesponihom għal firxa ta' sfidi li huma ta' detriment għall-benessri tagħhom; billi, fir-rigward tal-kummerċ ma'

[1] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika".

ċerti pajjiżi terzi, it-tbatija addizzjonali tal-annimali hija kkawżata minn vjaġġi twal ħafna li jinkludu dewmien twil fil-fruntieri għall-kontroll ta' dokumenti, vetturi u l-kundizzjoni fiżika tajba tal-annimali għat-trasport;

I. billi l-kwalità u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet tal-Istati Membri għandhom impatt dirett fuq il-livell ta' konformità mar-rekwiżiti; billi analiżi tar-rapporti ta' spezzjoni tal-Istati Membri turi differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini tal-għadd ta' spezzjonijiet, li jvarjaw minn żero sa diversi miljuni fis-sena, u l-inċidenza ta' ksur li tvarja minn żero għal 16,6 %, li tissuġġerixxi li l-Istati Membri jieħdu approċċi differenti għall-ispezzjonijiet, eż. strateġiji każwali versus strateġiji bbażati fuq ir-riskju; billi dawn id-differenzi fl-approċċ jagħmluha impossibbli wkoll li titqabbel id-data bejn l-Istati Membri;

J. billi t-taħriġ u l-edukazzjoni ta' sewwieqa biex jiġi promoss is-sewqan b'attenzjoni abbażi ta' liema tipi ta' annimali qed jiġu ttrasportati jtejjeb il-benessri tal-annimali waqt it-trasport[1];

K. billi t-trattament xieraq tal-annimali jista' jirriżulta f'tnaqqis fil-ħin għat-tagħbija u l-ħatt tal-annimali, tnaqqis fit-telf tal-piż, anqas korrimenti u feriti u kwalità aħjar tal-laħam;

L. billi hemm studji estensivi li jippruvaw li l-benessri tal-annimali għandu impatt fuq il-kwalità tal-laħam;

M. billi l-kwalità tas-sengħa tat-trobbija tal-annimali waqt it-tagħbija u l-ħatt, flimkien ma' kura fi tranżitu, għandha tibqa' l-fokus primarju sabiex jiġi protett il-benessri tal-annimali waqt it-trasport;

N. billi l-kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport hija fattur ewlieni biex jiġi żgurat il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, peress li r-riskji għall-benessri matul it-trasport huma akbar għal annimali li huma feruti, imdgħajfa, ħobbla, mhux miftuma jew morda; billi jista' jkun hemm inċertezza rigward il-kundizzjoni fiżika għat-trasport u l-istadju ta' ġestazzjoni;

O. billi l-kwistjonijiet ta' kundizzjoni fiżika huma responsabbli għall-akbar perċentwal ta' ksur, filwaqt li l-kwistjonijiet marbuta mad-dokumentazzjoni jammontaw għat-tieni l-akbar ksur;

P. billi ta' spiss hemm konfużjoni fost dawk responsabbli dwar x'jeħtieġ li jsir jekk l-annimali jiġu ddikjarati bħala mhux f'kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport;

Q. billi dawk responsabbli huma ħafna drabi inċerti fir-rigward ta' kemm tkun avvanzat it-tqala tal-annimal;

R. billi huwa partikolarment problematiku li jiġu ttrasportati għoġġiela u ħrief mhux miftuma;

S. billi l-bdiewa huma l-parti l-aktar interessata fiż-żamma tal-annimali tagħhom f'kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport u li għandhom l-aktar x'jitilfu jekk it-trasport ma

[1] https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1966

jikkonformax mar-regoli eżistenti;

T. billi ħafna drabi hemm nuqqasijiet fil-provvista tal-annimali b'ikel u ilma suffiċjenti u l-osservanza tal-perjodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa meta jkun hemm waqfa f'post ta' kontroll verifikat;

U. billi l-vetturi tat-trasport huma ħafna drabi affollati żżejjed; billi temperaturi għoljin u ventilazzjoni mhux adegwata ġo vettura huma problema kbira;

V. billi kien hemm tifqigħat riċenti f'diversi Stati Membri ta' mard tal-annimali infettiv bħad-deni Afrikan tal-ħnieżer, influwenza tat-tjur u mard tal-annimali ruminanti u bovini żgħar; billi t-trasport tal-annimali ħajjin jista' jżid ir-riskju tat-tixrid ta' dak il-mard;

W. billi t-trasport tal-laħam u prodotti oħra derivati mill-annimali, kif ukoll tas-semen u tal-embrijuni, huwa teknikament u amministrattivament eħfef u finanzjarjament aktar ta' benefiċċju għall-bdiewa tal-bhejjem mit-trasport tal-annimali ħajjin għall-fini tal-qtil jew it-tgħammir; billi l-Federazzjoni tal-Veterinarji tal-Ewropa (FVE) u l-OIE jenfasizzaw li l-annimali għandhom jitrabbew qrib kemm jista' jkun tal-postijiet fejn twieldu u għandhom jinqatlu qrib kemm jista' jkun tal-punt ta' produzzjoni; billi d-disponibbilta ta' faċilitajiet tal-qtil, inklużi faċilitajiet mobbli, f'siti tat-trobbija jew qrib tagħhom, tista' tgħin biex jiġi ġġenerat l-għajxien f'żoni rurali;

X. billi l-qtil tal-annimali qrib kemm jista' jkun ta' fejn tnisslu jkun l-aħjar mod biex jiġi żgurat il-benessri tagħhom;

Y. billi hemm tixrid mhux uniformi ta' biċċeriji fl-Istati Membri kollha,

Z. billi għal xi Stati Membri u katini tal-provvista fl-Unjoni, it-trasport ħaj tal-annimali, għal aktar produzzjoni jew qtil, huwa importanti biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni fis-suq;

***Rakkomandazzjonijiet***

*Implimentazzjoni u infurzar*

1. Jinnota li kull sena jiġu ttrasportati miljuni ta' annimali ħajjin għall-qatla jew għat-tgħammir fl-UE u mill-UE lejn pajjiżi terzi; jinnota li, fejn huwa implimentat u infurzat kif suppost, ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 għandu impatt pożittiv fuq il-benessri tal-annimali waqt it-trasport; jilqa' l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar is-suġġett, iżda jiddispjaċih li, skont ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018, dawn il-linji gwida u xi azzjonijiet ippjanati mill-Kummissjoni ġew posposti b'massimu ta' ħames snin; jinnota li problemi kbar bit-trasport għadhom jippersistu u li l-infurzar tar-Regolament se jidher li huwa t-tħassib ewlieni ta' dawk involuti fl-implimentazzjoni tiegħu;

2. Jenfasizza l-fatt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jirċievi għadd kbir ħafna ta' petizzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, li spiss jiddenunzjaw ksur sistematiku, kontinwu u serju tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 kemm mill-Istati Membri kif ukoll mit-trasportaturi;

3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-livell ta' progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 mill-Istati Membri ma kienx biżżejjed biex jissodisfa l-għan ewlieni tar-Regolament, li huwa li jtejjeb il-benessri tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari fir-rigward tal-verifika tar-reġistri tal-vjaġġ u l-applikazzjoni ta' pieni; jistieden lill-Istati Membri jtejbu sostanzjalment il-konformità mar-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi infurzar effiċjenti u uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti dwar it-trasport tal-annimali fl-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu passi legali kontra dawk l-Istati Membri li ma japplikawx ir-Regolament kif suppost u timponi sanzjonijiet fuqhom;

4. Jenfasizza li l-implimentazzjoni parzjali mhijiex biżżejjed biex jinkiseb l-għan ġenerali tar-Regolament li jiġu evitati l-korriment jew it-tbatija bla bżonn tal-annimali jew il-mewt tagħhom waqt it-trasport, u li għandhom għalhekk isiru aktar sforzi biex jiġu prevenuti inċidenti serji li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-benessri tal-annimali u biex jitressqu quddiem il-ġustizzja dawk responsabbli għalihom;

5. Jiddispjaċih li għad iridu jiġu solvuti għadd ta' kwistjonijiet relatati mar-Regolament (KE) Nru 1/2005, inkluż: affollament eċċessiv; spazju għoli insuffiċjenti; nuqqas li jkunu pprovduti l-waqfiet ta' mistrieħ u l-ikel u x-xorb meħtieġa; ventilazzjoni u tagħmir li jagħti l-ilma inadegwati; trasport fi sħana estrema; trasport ta' annimali mhux f'kundizzjoni fiżika tajba; trasport ta' għoġġiela mhux miftuma; il-ħtieġa li jkun aċċertat l-istat ta' tqala ta' annimali ħajjin; kemm qed ikunu kkontrollati r-reġistri tal-vjaġġ; ir-relazzjoni bejn ksur/infurzar/pieni; l-impatt "imħallat" tat-taħriġ, l-edukazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni; u friex insuffiċjenti, kif identifikati wkoll fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) f'ilmenti ppreżentati lill-Kummissjoni; jitlob titjib fl-oqsma msemmija hawn fuq;

6. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li l-vjaġġi jiġu ppjanati u mwettqa, mill-punt tat-tluq sad-destinazzjoni, f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, filwaqt li jitqiesu l-mezzi differenti tat-trasport u l-firxa ta' kundizzjonijiet ġeografiċi madwar l-UE u l-pajjiżi terzi;

7. Jisħaq fuq il-fatt li l-ksur sistematiku tar-Regolament f'ċerti oqsma u f'xi Stati Membri jwassal għal kompetizzjoni inġusta li tirriżulta f'kundizzjonijiet mhux ekwi bejn operaturi fi Stati Membri differenti, li min-naħa tagħha tista' twassal għal "ġirja lejn l-iktar livell baxx" rigward l-istandards tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport; jistieden lill-Kummissjoni, minħabba li l-livelli ta' sanzjonijiet jistgħu jkunu għaxar darbiet ogħla f'xi Stati Membri milli f'oħrajn, sabiex jiżguraw sistema ta' sanzjonijiet armonizzata tal-UE, sabiex ikun żgurat li l-pieni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt illi jitqies il-ksur ripetut; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan direzzjonali biex tallinja s-sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha;

8. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni injorat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Diċembru 2012, u jenfasizza li infurzar b'saħħtu u armonizzat b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi b'mod konformi mal-Artikolu 25 tar-Regolament huwa kruċjali għat-titjib tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport u li l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw lilhom infushom sempliċement għall-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet u istruzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq is-sejħa f'dik ir-riżoluzzjoni biex

tivverifika r-Regolament għal inkompatibilitajiet mar-rekwiżiti legali fi Stati Membri individwali;

9. Iqis li ksur ripetut, meta jseħħ f'ċirkostanzi li t-trasportur kellu kontroll fuqhom, għandu jwassal għal prosekuzzjoni; jistieden lill-Istati Membri jressqu quddiem il-ġustizzja każijiet ta' ksur tar-Regolament, b'mod speċjali għal ksur ripetut; iqis li pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għandhom jinkludu l-konfiska ta' vetturi u t-taħriġ mill-ġdid obbligatorju ta' dawk responsabbli għall-benessri u t-trasport tal-annimali, u jemmen li dan għandu jkun armonizzat permezz tal-Unjoni; iqis li l-pieni għandhom jirriflettu l-ħsara, il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien u r-rikorrenza ta' ksur;

10. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aktar effettiv tas-setgħat ta' infurzar b'saħħithom mogħtija lilhom permezz tar-Regolament, inkluż l-obbligu li jeħtieġu lit-trasportaturi li jistabbilixxu sistemi biex jipprevjenu r-rikorrenza ta' ksur u biex jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjoni ta' trasportatur; jistieden lill-Istati Membri jieħdu biżżejjed azzjonijiet korrettivi u jintroduċu sanzjonijiet sabiex jevitaw it-tbatija tal-annimali u jiskoraġġixxu nuqqas ta' konformità kontinwa min-naħa tal-operaturi; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummmissjoni jimmiraw għal nuqqas ta' konformità żero fl-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal, wara li tikkonsulta mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, lista tal-operaturi li jkunu wettqu ksur ripetut u serju tar-Regolament, abbażi tar-rapporti ta' spezzjoni u ta' implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika aġġornamenti frekwenti ta' din il-lista, u wkoll biex tippromwovi eżempji tal-aħjar prattika, kemm fit-trasport kif ukoll fil-governanza;

12. Jenfasizza li n-nuqqas ta' konformità mar-Regolament mill-Istati Membri jhedded l-għan tiegħu li jiġu prevenuti l-okkorrenza u t-tixrid ta' mard tal-annimali infettiv, billi t-trasport huwa wieħed mill-kawżi tat-tixrid rapidu ta' dan il-mard, inkluż dak li jista' jiġi trażmess lill-bniedem; jinnota li ħafna drabi l-vetturi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 64/432/KEE emendata; iqis, b'mod partikolari, li l-ħżin mhux adegwat tal-iskart joħloq riskji għat-tixrid ta' reżistenza antimikrobika u mard; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proċeduri armonizzati biex tagħti approvazzjoni lil bastimenti u trakkijiet u tieħu azzjoni biex tipprevjeni t-tixrid ta' mard tal-annimali infettiv permezz tat-trasport, kemm fl-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi, billi tippromwovi miżuri ta' bijosigurtà u aktar benessri tal-annimali;

13. Jappella għal aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti biex jissaħħaħ l-infurzar bl-użu ta' teknoloġija biex jinħoloq ċirku ta' feedback f'ħin reali bejn l-Istat Membru fil-punt tat-tluq u l-Istat Membru fil-punt tal-wasla u kwalunkwe pajjiż ta' tranżitu; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistemi ta' ġeolokalizzazzjoni biex ikunu jistgħu jiġu traċċati l-post fejn jinsabu l-annimali u t-tul ta' żmien tal-vjaġġi fil-vetturi tat-trasport, kif ukoll kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-iskedi tat-trasport; huwa tal-fehma li fejn l-annimali li jibdew fi stat tajjeb ta' kundizzjoni fiżika jaslu f'kundizzjoni fiżika mhux tajba, dan għandu jirriżulta f'investigazzjoni sħiħa, u fil-każ ta' rikorrenza, il-partijiet responsabbli fil-katina tat-trasport iridu jiġu penalizzati immedjatament b'mod konformi mal-liġi, u s-sid jew il-bidwi jrid jiġi intitolat għal kumpens skont il-liġi nazzjonali għal kwalunkwe telf ta' introjtu li jirriżulta. huwa tal-fehma wkoll li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippenalizzaw b'mod sever lill-

organizzatur u lill-uffiċjal ċertifikanti ta' kwalunkwe reġistru tal-vjaġġ maħluq fl-Istat Membru tat-tluq fil-każ li r-reġistru jkun imtela b'mod falz jew qarrieqi;

14. Iqis li l-infurzar huwa partikolarment diffiċli meta vjaġġ jgħaddi minn diversi Stati Membri u meta d-diversi kompiti tal-infurzar (l-approvazzjoni tar-reġistru tal-vjaġġ, l-awtorizzazzjoni tat-trasportatur, iċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenza u tal-approvazzjoni tal-vettura, eċċ) jitwettqu minn diversi Stati Membri differenti; jistieden lill-Istati Membri li jsibu każijiet ta' ksur biex jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra kollha involuti, kif meħtieġ mill-Artikolu 26 tar-Regolament, sabiex tiġi prevenuta rikorrenza tal-ksur u tkun permessa valutazzjoni tar-riskju ottimizzata;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapporti regolari lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament, inkluż it-tqassim tal-ksur skont l-Istat Membru, skont l-ispeċijiet u skont it-tip ta' ksur, fir-rigward tal-volum tat-trasport ta' annimali ħajjin kull Stat Membru;

16. Jilqa' l-każijiet fejn il-gvernijiet, ix-xjentisti, in-negozji, ir-rappreżentanti tal-industrija u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ħadmu flimkien biex jiddefinixxu l-aħjar prattiki sabiex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni, kif inhu l-każ fost l-oħrajn bis-sit web tal-Gwidi dwar it-Trasport tal-Annimali; jistieden lill-Kummissjoni xxerred u tippromwovi l-aħjar prattiki għall-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-bhejjem, u tappoġġja l-pjattaforma tal-benessri tal-annimali tal-UE, filwaqt li tippromwovi djalogu msaħħaħ u l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-atturi kollha; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ġdida għall-benessri tal-annimali għall-perjodu 2020-2024 u biex tappoġġja l-innovazzjoni fit-trasport tal-annimali;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tikkoopera mal-OIE, l-EFSA u l-Istati Membri sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni u l-infurzar xieraq tar-Regolament Nru 1/2005, bil-għan li tippromwovi djalogu msaħħaħ dwar kwistjonijiet relatati mal-benessri tal-annimali waqt it-trasport, b'fokus partikolari fuq:

- l-applikazzjoni aħjar tar-regoli tal-UE dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, permezz ta' skambji tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki u l-involviment dirett tal-partijiet interessati;

- l-għoti ta' appoġġ lill-attivitajiet ta' taħriġ immirati lejn is-sewwieqa u l-kumpaniji tat-trasport;

- it-tixrid aħjar tal-Gwidi u l-Iskedi Informattivi dwar it-Trasport tal-Annimali, tradotti għal-lingwi kollha tal-UE;

- l-iżvilupp ta' u l-azzjoni fuq impenji volontarji min-naħa tan-negozji biex ikomplu jtejbu l-benessri tal-annimali waqt it-trasport;

- żieda fl-iskambji ta' informazzjoni u aktar użu tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jitnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' ksur ikkawżat mill-kumpaniji tat-trasport u mis-sewwieqa;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibilità tar-Regolament mar-Regolament (KE) Nru 561/2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha

x'taqsam mat-trasport bit-triq[1], fir-rigward tal-ħin ta' sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa;

19. Ifakkar li l-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala l-gwardjan tat-Trattati, hija responsabbli biex timmonitorja jekk il-liġijiet tal-UE humiex qed jiġu applikati kif suppost; jistieden lill-Ombudsman Ewropew biex tinvestiga jekk il-Kummissjoni naqsitx b'mod konsistenti milli tiżgura l-konformità mar-Regolament attwali u jekk tistax, għaldaqstant, tinżamm responsabbli għal amministrazzjoni ħażina;

*Ġbir ta' data, spezzjonijiet u monitoraġġ*

20. Jiddispjaċiha għad-diffikultà biex titwettaq analiżi koerenti tal-implimentazzjoni tar-Regolament li teżisti minħabba approċċi differenti għall-ġbir tad-data bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi standards minimi komuni għat-traċċar tas-sistemi fir-rigward tal-vjaġġi kollha sabiex jippermettu aktar ġbir tad-data armonizzata u valutazzjoni tal-parametri mmonitorjati; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jipprovdu lill-Kummissjoni b'data armonizzata, komprensiva u kompleta dwar l-ispezzjonijiet tat-trasport u l-livelli ta' ksur; jistieden lill-Istati Membri jwettqu aktar kontrolli għall-għarrieda u jiżviluppaw u japplikaw strateġija bbażata fuq ir-riskju sabiex jimmiraw l-attivitajiet tal-ispezzjoni tagħhom fuq forom ta' trasport b'riskju għoli sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza tar-riżorsi ta' spezzjoni limitati;

21. Jinnota li l-Kummissjoni, skont ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-benessri tal-annimali fl-UE, irrikonoxxiet li d-data rrappurtata mill-Istati Membri mhijiex kompluta, konsistenti, affidabbli jew dettaljata biżżejjed biex tippermetti li jsiru konklużjonijiet dwar il-konformità fil-livell tal-UE;

22. Jenfasizza li l-ispezzjonijiet jeħtieġ li jsiru b'mod uniformi fl-Unjoni kollha u fuq proporzjon adegwat tal-annimali ttrasportati kull sena f'kull Stat Membru, sabiex ikun garantit u jinżamm il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni żżid in-numru ta' spezzjonijiet għall-għarrieda fuq il-post mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) iffukati fuq il-benessri tal-annimali u t-trasport tal-annimali; huwa tal-opinjoni li metodi differenti ta' ġbir ta' data u mekkaniżmi ta' kontroll jagħmluha diffiċli biex tingħata stampa eżatta tal-konformità fl-Istati Membri individwali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni, biex tadotta stuttura iktar armonizzata ta' rraportar u biex twettaq aktar analiżi tad-data ġġenerata mir-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-FVO u mir-risposti tal-Istati Membri dwar il-Pjanijiet Nazzjonali Multiannwali ta' Kontroll (MANCPs) tagħhom; jirrikonoxxi li l-verifiki tad-DĠ SANTE jservu bħala sors ta' informazzjoni importanti għall-Kummissjoni biex tivvaluta l-implimentazzjoni tar-Regolament attwali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq tal-anqas seba' żjarat għall-għarrieda kull sena, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif is-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES) tista' tintuża biex tappoġġja t-tħejjija ta' analiżijiet tar-riskju għal spezzjonijiet fir-rigward tat-trasport tal-annimali ħajjin, kif rakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha tal-2018, li tinnota li l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ispezzjonijiet tat-trasport

[1] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

rarament kienu qed jużaw informazzjoni minn TRACES bil-għan li jsiru spezzjonijiet; jappella għal sistema ta' monitoraġġ aktar effikaċi u aktar trasparenti, inkluż l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni miġbura permezz ta' TRACES; ikompli jappella għal żieda fin-numru ta' spezzjonijiet fis-sena mill-FVO;

24. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kontrolli fil-katina kollha tal-produzzjoni u, b'mod partikolari, biex iwettqu spezzjonijiet effiċjenti u sistematiċi ta' kunsinni ta' annimali qabel it-tagħbija, biex iwaqqfu prattiki li jiksru r-Regolament u li jirrendu agħar il-kundizzjonijiet għat-trasport tal-annimali fuq l-art u bil-baħar, bħal pereżempju jippermettu li vetturi mgħobbija żżejjed jew annimali mhux f'kundizzjoni fiżika tajba jkomplu l-vjaġġi twal tagħhom, jew jippermettu li l-punti ta' kontroll li ma jkollhomx faċilitajiet adegwati għas-serħan, il-provvista tal-għalf u l-ilma għall-annimali ttrasportati jistgħu jibqgħu jintużaw;

25. Jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' spezzjonijiet f'xi Stati Membri u l-livell baxx jew żero ta' każijiet ta' ksur irrappurtati; għandu dubji dwar l-eżattezza ta' sistemi ta' spezzjoni u r-rappurtar; jistieden lil dawk l-Istati Membri li attwalment iwettqu ftit spezzjonijiet jew li ma jwettqu l-ebda spezzjoni biex iwettqu għadd suffiċjenti ta' spezzjonijiet, u biex jippreżentaw rapporti ta' spezzjoni komprensivi lill-Kummissjoni;

26. Jistieden lill-Istati Membri wkoll biex jispezzjonaw it-trasport intra-Ewropew fejn l-annimali jiġu mgħobbija fuq vetturi sabiex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament 1/2005;

27. Jaqbel mal-Kummissjoni li hija prattika tajba li l-awtoritajiet kompetenti jispezzjonaw il-kunsinni kollha ddestinati għall-pajjiżi li mhumiex fl-UE fil-fażi tat-tagħbija[1]; jemmen li perċentwal ta' kunsinni fl-UE għandhom jiġu spezzjonati wkoll fl-istadju tat-tagħbija bi proporzjon għall-għadd ta' ksur irrappurtat minn spezzjonijiet tal-NGOs u l-FVO; iqis li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw fil-fażi tat-tagħbija li r-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-ispazju ta' art u l-ispazju għoli qed jiġu rrispettati, li s-sistemi ta' ventilazzjoni u tal-ilma qed joperaw kif suppost, li l-apparat għax-xorb qed jaħdem kif suppost u li huma adegwati għall-ispeċijiet li jkunu qed jinġarru, li ma jitgħabba l-ebda annimal li mhuwiex f'kundizzjoni fiżika tajba, u li qed jinġarru biżżejjed għalf u friex;

28. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li hemm għadd suffiċjenti ta' faċilitajiet tax-xorb aċċessibbli, nodfa u li jiffunzjonaw f'konformità mal-ħtiġijiet ta' kull speċi, li t-tank tal-ilma jkun imtela u li hemm kwantità suffiċjenti ta' mifrex frisk;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li r-reġistri tal-vjaġġ jinkludu informazzjoni realistika, u għaldaqstant jikkonformaw mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament;

30. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-vetturi tat-trasport jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar l-ispazju minimu stabbiliti fil-Kapitolu VII tal-Anness I għar-Regolament, u li fil-

[1] "Final report of an audit carried out in The Netherlands from 20 February 2017 to 24 February 2017 in order to evaluate animal welfare during transport to non-EU countries" (Rapport finali ta' verifika li saret fin-Netherlands mill-20 ta' Frar 2017 sal-24 ta' Frar 2017 sabiex jiġi evalwat il-benessri tal-annimali matul it-trasport lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE), il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, 2017.

każ ta' temperaturi għoljin l-annimali jkollhom, b'mod korrispondenti, aktar spazju;

31. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-għoli intern tal-vetturi tat-trasport jissodisfa standards minimi u li m'hemm l-ebda spazju bejn l-art jew il-ħajt tal-vettura u d-diviżjonijiet;

32. Jirrikonoxxi li sar xi progress fit-trasport tal-annimali fi ħdan l-UE, iżda jinsab imħasseb minħabba n-numru ta' rapporti ta' vetturi mhux xierqa li qed jintużaw għat-trasport ta' annimali ħajjin kemm fuq l-art kif ukoll bil-baħar, u jitlob li jittejbu l-monitoraġġ u s-sanzjonar ta' tali prattiki; jirrikonoxxi li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament dwar it-trasport minn bastimenti li jġorru l-bhejjem sikwit jiġu injorati; jistieden lill-Istati Membri biex ma jawtorizzawx l-użu ta' vetturi u bastimenti li jġorru l-bhejjem li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, u biex jirtiraw awtorizzazzjonijiet diġà maħruġa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità; jistieden lill-Istati Membri jkunu aktar rigorużi fil-proċeduri kemm ta' ċertifikazzjoni kif ukoll ta' approvazzjoni għall-vetturi u fl-għoti taċ-ċertifikati ta' kompetenza lis-sewwieqa;

33. Jitlob, għalhekk, standards armonizzati u vinkolanti għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi u bastimenti bħala mezz ta' trasport għall-bhejjem, li għandhom jinħarġu minn awtorità ċentrali tal-UE; billi dik l-awtorità għandha tkun responsabbli għad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-mezzi tat-trasport għat-trasport tal-annimali f'termini tal-istat tal-vetturi u n-natura tat-tagħmir tagħhom (eż. il-preżenza abbord ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita xierqa);

34. Jistieden lill-operaturi jipprovdu t-taħriġ bir-reqqa ta' xufiera u akkompanjaturi f'konformità mal-Anness IV għar-Regolament, sabiex jiġi żgurat it-trattament korrett tal-annimali;

35. Jirrikonoxxi li xi Stati Membri għandhom vapuri u portijiet li jissodisfaw l-istandards meħtieġa, iżda jenfasizza li madankollu, jipprevalu kundizzjonijiet ħżiena matul it-trasport marittimu, b'mod partikolari fir-rigward tat-tagħbija u t-trasbord; jistieden lill-Istati Membri jkunu aktar rigorużi fil-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' approvazzjoni tagħhom għal bastimenti, biex itejbu l-kontrolli ta' qabel it-tagħbija tagħhom fuq bastimenti li jġorru l-bhejjem u l-kundizzjoni fiżika tajba tal-annimali, u biex jispezzjonaw kif suppost l-operazzjonijiet tat-tagħbija f'konformità mar-Regolament; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni bi pjanijiet dettaljati tal-faċilitajiet tal-ispezzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal, taġġorna u tiċċirkola lista ta' portijiet b'faċilitajiet adegwati għall-ispezzjoni tal-annimali; ikompli jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex ma japprovawx reġistri tal-vjaġġ li jippjanaw li jużaw portijiet mingħajr dawn il-faċilitajiet; jistieden lill-Istati Membri jadattaw il-portijiet tagħhom u jiżguraw manutenzjoni xierqa tal-bastimenti tagħhom, sabiex itejbu l-kundizzjonijiet tal-benessri tal-annimali fit-trasport marittimu tal-annimali;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tapprova alternattivi innovattivi għal kontrolli tal-esportazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 133(2) tar-Regolament 2016/429[1], bħal spezzjonijiet tal-pjattaforma, li jtejbu l-benessri tal-annimali billi għandhom rata tal-

[1] Ir-Regolament 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali").

irjus aktar baxx u ma jirrikjedux li l-annimali jinħattu, u għaldaqstant iqassru l-ħinijiet ta' stennija;

37. Jinnota li r-rekwiżit taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għat-trasport fl-Istati Membri kollha joħloq inċentiv negattiv biex jintgħażlu destinazzjonijiet domestiċi milli l-eqreb destinazzjoni possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tuża s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 144(1) tar-Regolament 2016/429 biex tadotta att delegat li jipprovdi deroga għal movimenti li joħolqu riskju baxx għat-tixrid tal-mard;

*Ħinijiet tal-ivvjaġġar*

38. Jinsisti li l-ħin tal-ivvjaġġar għall-annimali kollha li qed jiġu ttrasportati għandu jkun twil kemm ikun meħtieġ biss, filwaqt li jitqiesu d-differenzi ġeografiċi fil-livell tal-Istat Membru u f'konformità mal-premessa 5 tar-Regolament, li jiddikjara li "għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimal it-trasport ta' l-annimali fit-tul ... għandu jkun limitat kemm jista' jkun" u l-premessa 18 tiegħu, li jiddikjara li "vjaġġi twal jista' jkollhom effetti ta' detriment maġġuri għall-benesseri tal-annimali minn dawk qosra";

39. Jinsisti li l-ħin tat-trasport għall-annimali, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt, irid iqis parir veterinarju speċifiku għall-ispeċi, irrispettivament minn jekk huwiex involut it-trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru;

40. Jiddispjaċih dwar il-ksur tar-Regolament li jikkonċerna n-nuqqas ta' applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni xierqa tar-regoli speċifiċi dwar annimali mhux miftuma, bħal għoġġiela, ħrief, gidien, moħor u qżieqeż, li għadhom fuq dieta ta' ħalib, u jitlob l-introduzzjoni ta' miżuri aktar dettaljati li jiżguraw li l-benessri tal-annimali jkun protett għalkollox waqt it-trasport;

41. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-annimali mhux miftuma jinħattu għal tal-anqas siegħa sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti b'elettroliti jew sostituti tal-ħalib u li ma jiġux ittrasportati għal aktar minn tmien sigħat;

42. Jindika li d-dokumenti tal-ippjanar tat-trasport ħafna drabi jispeċifikaw biss ismijiet ta' postijiet u jonqsu milli jipprovdu indirizzi preċiżi ta' punti ta' kontroll, ta' provvista u ta' assemblaġġ, li jagħmel il-kontrolli ferm aktar diffiċli;

43. Jitlob, filwaqt li titqies r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Diċembru 2012, li l-ħinijiet tal-ivvjaġġar tal-annimali jkunu kemm jista' jkun qosra u b'mod partikolari li jiġu evitati ħinijiet tal-ivvjaġġar twal u twal ħafna kif ukoll vjaġġi barra mill-fruntieri tal-UE, billi jintużaw strateġiji alternattivi, bħall-iżgurar ta' faċilitajiet għall-qtil lokali u mobbli li jkunu ekonomikament vijabbli u distribwiti b'mod ġust u li jkunu jinsabu qrib azjendi agrikoli tal-bhejjem, jippromwovu ċirkwiti ta' distribuzzjoni qosra u bejgħ dirett, jissostitwixxu t-trasport ta' annimali għat-trobbija billi jużaw is-semen jew l-embrijuni, u jittrasportaw karkassi u prodotti tal-laħam, kif ukoll permezz ta' inizjattivi regolatorji jew mhux regolatorju fl-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-qtil fl-azjenda agrikola; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar ħinijiet tal-ivvjaġġar aktar baxxi speċifiċi kif xieraq, għat-trasport tad-diversi speċijiet tal-annimali ħajjin kollha, u anke għat-trasport ta' annimali mhux miftuma;

44. Jinnota li varjetà ta' rekwiżiti, kif ukoll kundizzjonijiet tas-suq u deċiżjonijiet politiċi li

qed jinbidlu, waslu biex biċċeriji żgħar isiru ekonomikament mhux vijabbli, u dan irriżulta fi tnaqqis globali fin-numri tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet lokali fl-Istati Membri biex jappoġġjaw u jippromwovu, fejn meħtieġ, l-opzjonijiet ta' qtil fl-azjenda agrikola, qtil lokali jew mobbli ekonomikament vijabbli, u faċilitajiet tal-ipproċessar tal-laħam fl-Istati Membri, sabiex l-annimali jinqatlu qrib kemm jista' jkun għall-post tat-trobbija tagħhom, li huwa wkoll fl-interess taż-żamma tal-impjieg f'oqsma rurali; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw strateġija biex isir progress lejn mudell aktar reġjonali ta' produzzjoni tal-bhejjem li fih l-annimali jitwieldu, jissemmnu u jinqatlu fl-istess reġjun, kull fejn ikun prattikabbli, filwaqt li jitqiesu d-differenzi ġeografiċi, minflok li jiġu ttrasportati għal distanzi twal ħafna;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina kif il-bdiewa, il-biċċeriji u l-industrija tal-ipproċessar tal-laħam jistgħu jiġu inċentivati biex ibiċċru l-annimali tagħhom fl-eqreb faċilità sabiex jiġu evitati ħinijiet twal ta' trasport tal-annimali u jitnaqqsu l-emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita soluzzjonijiet innovattivi f'dan ir-rigward, bħal qtil mobbli, filwaqt li jkunu żgurati standards ta' benessri tal-annimali għoljin;

46. Iqis li, f'ċerti każijiet, tnaqqis fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar permessi, kif attwalment stabbiliti fil-Kapitolu V tal-Anness 1 għar-Regolament, ma jkunx vijabbli, u li għalhekk għandhom jinstabu soluzzjonijiet għal każijiet fejn ċirkostanzi ġeografiċi u iżolament rurali jirrikjedu t-trasport tal-annimali ħajjin fuq l-art u/jew bil-baħar għal aktar produzzoni jew qtil;

47. Jistieden lill-Istati Membri jippermettu l-qtil b'emerġenza direttament fuq l-azjendi agrikoli tal-bhejjem u tat-tismin, fejn xieraq, f'każ li annimal jinstab li ma jkunx f'kundizzjoni fiżika tajba biex jiġi ttrasportat jew fejn miżuri tal-ewwel għajnuna juru li ma jkunux effettivi, sabiex tiġi evitata t-tbatija mhux neċessarja tal-annimali;

48. Jinnota li l-valur soċjetali u ekonomiku ta' annimal jista' jkollu impatt fuq l-istandard tat-trasport tiegħu; jenfasizza li l-istandards tat-trasport għat-tgħammir tal-annimali fl-industrija tal-ekwini huma ta' kwalità għolja;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija biex jiġi żgurat li t-trasport ta' annimali ħajjin jinbidel għal kummerċ prinċipalment ta' laħam u karkassi u ta' prodotti ġerminali, minħabba l-impatti li jkollu t-trasport tal-annimali ħajjin fuq l-ambjent, il-benessri tal-annimali u s-saħħa; iqis li kwalunkwe strateġija bħal din trid tindirizza l-fatturi ekonomiċi li jinfluwenzaw id-deċiżjoni li jiġu ttrasportati annimali ħajjin; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi t-trasport lejn pajjiżi terzi f'din l-istrateġija;

50. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu programmi għall-qtil reliġjuż ta' annimali disponibbli f'biċċeriji, minħabba li proporzjon kbir ta' esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin huma lejn swieq tal-Lvant Nofsani;

51. Jirrikonoxxi d-distorsjoni kurrenti tas-suq ikkawżata minn tariffi differenti applikati għall-annimali ħajjin u għal-laħam, li tinċentiva b'mod qawwi l-kummerċ tal-annimali ħajjin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, flimkien mas-sħab kummerċjali tagħha, teżamina mill-ġdid din id-distorsjoni bl-għan li tnaqqas il-kummerċ tal-annimali ħajjin u, fejn meħtieġ, tissostitwixxi dan il-bejgħ bil-laħam;

52. Ifakkar li, skont ir-Regolament attwali, waqfa ta' mistrieħ f'post ta' kontroll approvat hija diġà obbligatorja wara l-perjodu massimu ta' trasport ta' ekwidi domestiċi u annimali domestiċi tal-ispeċi bovina, ovina, kaprina u suwina, fejn il-ħin tat-trasport jaqbeż it-tmien sigħat;

*Il-benessri tal-annimali*

53. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-veterinarji uffiċjali huma preżenti fil-punti ta' ħruġ mill-Unjoni, u li jingħataw il-kompitu li jivverifikaw li l-annimali jinsabu f'kundizzjoni fiżika tajba biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom u li l-vetturi u/jew il-bastimenti jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament; jinnota b'mod partikolari li l-Artikolu 21 tar-Regolament jispeċifika li l-veterinarji għandhom jikkontrollaw il-vetturi qabel ma jitilqu l-UE, biex jiżguraw li dawn ma jkunux affollati żżejjed, jipprovdu spazju għoli biżżejjed, jipprovdu friex u jkunu qed iġorru għalf u ilma biżżejjed, u li l-apparat ta' ventilazzjoni u tal-ilma jkun qed jaħdem kif suppost;

54. Jinkoraġġixxi l-użu ta' pjanijiet ta' kontinġenza għall-vjaġġi kollha, pereżempju, trakkijiet ta' sostituzzjoni u ċentri ta' kontinġenza, sabiex it-trasportatur ikun jista' jirrispondi b'mod effettiv għall-emerġenzi u jnaqqas l-impatt ta' dewmien jew aċċident fuq l-annimali ttrasportati għat-trobbija jew għall-qatla, billi dan diġà huwa mitlub mit-trasportaturi fuq vjaġġi twal skont ir-Regolament;

55. Jinsisti li l-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u l-aħħar teknoloġija; jiddeplora l-fatt li, minkejja rakkomandazzjonijiet ċari mill-EFSA u t-talba tal-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2012, il-Kummissjoni naqset milli taġġorna r-regoli dwar it-trasport tal-annimali bl-aħħar evidenza xjentifika; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, taġġorna r-regoli li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi abbażi tal-aħħar għarfien u teknoloġija xjentifiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' fatturi li jinkludu kontroll tal-ventilazzjoni, it-temperatura u l-umdità suffiċjenti permezz tal-arja kondizzjonata fil-vetturi kollha, sistemi tax-xorb xierqa u għalf likwidu, b'mod partikolari għal annimali mhux miftuma, densitajiet imnaqqsa ta' bhejjem u spazju għoli minimu suffiċjenti speċifikat, u biex il-vetturi jkunu adattati għall-ħtiġijiet ta' kull speċi; jenfasizza li l-konklużjoni tal-opinjoni tal-EFSA li huma involuti aspetti oħra fil-benessri tal-annimali lil hinn ferm mit-tul tal-vjaġġ, bħat-tagħbija u l-ħatt b'mod xieraq, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' disinn tal-vettura;

56. Jesprimi tħassib dwar il-vjaġġi li matulhom l-annimali jingħataw ilma kkontaminat u li mhuwiex tajjeb għall-konsum jew jkunu mċaħħda minn aċċess għall-ilma minħabba l-fatt li t-tagħmir tal-ilma ma jkunx qed jiffunzjona tajjeb jew ikun ippożizzjonat ħażin; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-vetturi użati għat-trasport ta' annimali ħajjin iġorru ilma suffiċjenti matul il-vjaġġi, u li fi kwalunkwe każ, l-ammont ipprovdut għandu jkun xieraq għar-rekwiżiti speċifiċi tal-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati u għan-numru ta' dawk l-annimali;

57. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżviluppa indikaturi tal-benessri bbażati fuq l-annimali li għandhom jippromwovi riżultati ta' benessri aħjar għall-annimali fit-trasport; iqis li għandha tiżviluppa dawn l-indikaturi mingħajr dewmien sabiex ikunu jistgħu jintużaw bħala komplement għar-rekwiżiti leġiżlattivi attwali;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe reviżjoni ġejjiena tal-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport tkun ibbażata fuq indikaturi oġġettivi u xjentifikament sodi, sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji b'impatt ekonomiku mhux ġustifikat fuq is-setturi tal-bhejjem;

59. Jinsisti li, skont id-dritt tal-Unjoni, il-bdiewa huma legalment responsabbli biex jiżguraw li l-annimali tagħhom li qed jiġu ttrasportati ma jkorrux jew ma ssirilhomx ħsara jew ma jgħaddux minn tbatija bla bżonn;

60. Jenfasizza li l-ksur huwa ħafna drabi dovut għall-inadegwatezza tas-sistemi tal-ventilazzjoni ta' vetturi użati għat-trasport bit-triq ta' annimali ħajjin fuq distanzi twal, u li f'dawn is-sitwazzjonijiet, l-annimali jiġu sfurzati fi spazji żgħar b'temperaturi estremi, ferm lil hinn mill-firxa tat-temperaturi u l-limiti tat-tolleranza stabbiliti fir-Regolament;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jitwettaq l-isturdament, mingħajr eċċezzjoni, qabel il-qtil ritwali reliġjuż fl-Istati Membri kollha;

62. Jiddispjaċih li l-kompartimenti għall-annimali mhux dejjem ikollhom spazju biżżejjed biex jippermettu ventilazzjoni adegwata fil-vetturi u li l-movimenti naturali għall-annimali jkunu ristretti u ħafna drabi l-annimali jkunu mġiegħla jieħdu pożizzjonijiet mhux naturali għal perjodi twal, bi ksur ċar tar-regoli tekniċi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament u fil-Kapitolu II, punt 1.2 tal-Anness tiegħu;

63. Iqis li huwa meħtieġ li jkun magħmul obbligatorju li l-veterinarji jkunu preżenti abbord il-vapuri għat-trasport tal-annimali ħajjin, biex jirrappurtaw u jirreġistraw l-għadd ta' annimali li jmutu waqt il-vjaġġi u jfasslu pjanijiet ta' emerġenza biex jittrattaw kwalunkwe sitwazzjoni fuq il-baħar li jaf ikollha impatt negattiv fuq il-benessri tal-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati;

64. Jinnota li l-bdiewa, it-trasportaturi u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jinterpretaw u jinfurzaw ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 b'mod differenti, speċjalment rigward il-kundizzjoni fiżika tajba tal-annimali għat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament sabiex tispeċifika r-rekwiżiti għat-trasport f'aktar dettall fejn ikun meħtieġ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fil-kuntest ta' kundizzjonijiet ekwi, biex jiżguraw li fil-ġejjieni r-Regolament jiġi infurzat u implimentat b'mod armonizzat u uniformi fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjoni fiżika tajba tal-annimali li se jiġu ttrasportati;

65. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa definizzjoni ta' ħidma sħiħa ta' dak li jikkostitiwixxi l-kundizzjoni fiżika tajba tal-annimali għat-trasport, u biex tabbozza linji gwida prattiċi għall-valutazzjoni tagħha; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni, inklużi korsijiet ta' taħriġ solidi, regolari u obbligatorji, edukazzjoni u ċertifikazzjoni għal xufiera, trasportaturi, kummerċjanti, ċentri ta' assemblaġġ, biċċeriji, veterinarji, aġenti tal-fruntieri u kwalunkwe operatur ieħor involut fit-trasport tal-annimali sabiex jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' ksur tal-kundizzjoni fiżika tajba; jistieden lill-operaturi jiżguraw it-taħriġ bir-reqqa ta' xufiera u akkompanjaturi f'konformità mal-Anness IV għar-Regolament;

66. Jitlob viġilanza stretta biex ikun żgurat li annimali morda, dgħajfa jew ħfief, annimali li qed ireddgħu, annimali nisa ħobbla u annimali nisa li ma jissodisfawx il-ħin tal-ftam

nteċessarju ma jiġux ittrasportati;

67. Jenfasizza li, b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1/2005, huwa diġà obbligatorju li l-annimali li jiġu ttrasportati għal distanzi twal iridu jingħataw ilma, għalf u mistrieħ, f'intervalli xierqa u kif adegwat għall-ispeċi u l-età tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ aktar effikaċi bil-għan li tiżgura l-konformità sħiħa u armonizzata ma' dawn ir-rekwiżiti legali min-naħa tal-Istati Membri kollha;

68. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw li t-trasport tal-annimali jkun organizzat kif suppost, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tat-temp u t-tip ta' trasport; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reġistri tal-vjaġġ u l-pjanijiet tat-trasport jiġu approvati biss jekk it-tbassir tat-temp ma jindikax temperaturi 'l fuq minn 30 grad Celcius matul il-perjodu kollu tat-trasport;

69. Jenfasizza li meta l-annimali jkunu meħtieġa li jinħattu għal perjodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa f'pajjiżi terzi, l-organizzatur irid jidentifika post għall-mistrieħ b'faċilitajiet ekwivalenti għal dawk ta' post ta' kontroll tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jispezzjonaw dawn il-faċilitajiet b'mod regolari u ma japprovawx reġistri tal-vjaġġ jekk il-post propost għall-mistrieħ ma jkunx ġie kkonfermat li għandu faċilitajiet ekwivalenti għall-UE;

70. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ippjanar tat-trasport jinkludi prova ta' riżerva, inkluż għalf, ilma u mifrex frisk, f'post ta' kontroll; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi r-rekwiżiti għall-postijiet u l-faċilitajiet tal-postijiet ta' mistrieħ;

71. Jirrikonoxxi li densitajiet imnaqqsa ta' bhejjem u l-interruzzjoni ta' vjaġġi biex l-annimali jkunu jistgħu jistrieħu jkollhom impatt ekonomiku negattiv fuq l-operaturi tat-trasport li jista' jaffettwa t-trattament kif suppost ta' annimali ttrasportati; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi inċentivi għat-trattament xieraq tagħhom;

72. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw titjib fiż-żamma tar-rekords f'azjendi agrikoli dwar perjodi ta' ġestazzjoni;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tifformula, abbażi ta' sejbiet xjentifiċi, linji gwida rigward l-ilma għal annimali ttrasportati f'gaġeġ u kundizzjonijiet għat-trasportazzjoni ta' flieles li jippromwovu livell għoli ta' benessri;

74. Ifakkar li l-Istati Membri jridu jsibu soluzzjonijiet konformi mal-benessri għall-annimali fit-tmiem ta' ħajjithom u taċ-ċikli tal-produzzjoni tagħhom;

*Għajnuna ekonomika*

75. Jappella biex isir użu aktar estensiv tal-miżura tal-iżvilupp rurali "pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali", skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013[1], li tipprovdi appoġġ għal standards għoljin ta' benessri tal-annimali li jmur lil hinn mill-istandards obbligatorji applikabbli;

76. Jappella biex ir-riforma tal-PAK li jmiss iżżomm u ssaħħaħ ir-rabta bejn il-pagamenti

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 347.

tal-PAK u l-kundizzjonijiet imtejba tal-benessri tal-annimali li jirrispettaw bis-sħiħ jew imorru lil hinn mill-istandards stipulati fir-Regolament 1/2005;

77. Iħeġġeġ l-appoġġ għal miżuri biex ikun hemm distribuzzjoni bilanċjata ta' biċċeriji fl-Istati Membri li tiżgura li jitqiesu n-numri ta' bhejjem f'reġuni partikolari;

*Pajjiżi terzi*

78. Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti persistenti rigward problemi tat-trasport u l-benessri tal-annimali f'ċerti pajjiżi terzi; jinnota li l-qtil f'ċerti pajjiżi terzi fejn l-UE tibgħat l-annimali jinvolvi tbatija estrema u prolongata u jikser b'mod regolari l-istandards internazzjonali dwar il-benessri waqt il-qtil kif stabbilit mill-OIE; filwaqt li jirrikonoxxi li d-domanda fil-pajjiżi terzi hija ħafna drabi għal annimali ħajjin, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu bidla lejn it-trasport tal-laħam jew il-karkassi, minflok annimali ħajjin, lejn pajjiżi terzi, kif ukoll it-trasport tas-semen jew tal-embrijuni minflok annimali għat-tgħammir;

79. Jitlob li l-Kummissjoni, fin-negozjati kummerċjali bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, tesiġi l-konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea għall-benessri tal-annimali u tiddefendi l-internazzjonalizzazzjoni, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar dan is-suġġett;

80. Jiddispjaċih għall-fatt li l-istandards li jintużaw minn ċerti pajjiżi terzi mhumiex għoljin daqs dawk fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rekwiżiti eżistenti fir-rigward tas-sħab kummerċjali tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-kummerċ u t-trasport tal-annimali, sabiex ikunu tal-anqas stretti daqs standards tal-UE; jistieden lill-Istati Membri li qed jesportaw lejn pajjiżi terzi biex jaħdmu ma' awtoritajiet lokali biex itejbu l-istandards tal-benessri tal-annimali;

81. Jappella għal konformità konsistenti u sħiħa mas-sentenza tal-2015 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-424/13, li fiha l-Qorti stabbiliet li, għal trasport tal-annimali li jinvolvi vjaġġ twil, li jibda fit-territorju tal-UE u mbagħad ikompli barra minnu, sabiex it-trasportatur ikun awtorizzat li jibda l-vjaġġ, jeħtieġlu jkun obbligat jippreżenta reġistru tal-vjaġġ li jkun realistiku f'termini ta' konformità, b'attenzjoni partikolari għat-tbassir tat-temp; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti ma japprovawx ir-reġistri tal-vjaġġ fejn, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti, l-annimali jridu jinħattu għal waqfa ta' mistrieħ ta' 24 siegħa f'pajjiż mhux tal-UE, sakemm l-organizzatur ma jkunx identifika post għal dak il-mistrieħ li jipprovdi faċilitajiet ekwivalenti għal dawk ta' post ta' kontroll; ifakkar ukoll, f'dan ir-rigward, li l-unika lista li teżisti hija waħda mill-2009 għall-postijiet fejn jgħixu l-annimali fuq ir-rotot f'pajjiżi terzi, li fiha dettalji preċiżi tal-indirizz huma ta' spiss neqsin, u għaldaqstant, dan jagħmel l-ispezzjonijiet neċessarji skont id-dritt tal-Unjoni ferm aktar diffiċli; jistieden lill-veterinarji uffiċjali f'punti ta' ħruġ biex jikkontrollaw, kif meħtieġ mir-Regolament 1/2005, li qabel ma l-vetturi jitilqu l-UE, ikunu ġew imħarsa d-dispożizzjonijiet tar-Regolament;

82. Ifakkar ukoll, f'dan il-kuntest, fil-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni (informaturi) (COM(2018)0218), b'mod partikolari fil-kuntest ta' kontrolli veterinarji;

83. Jiddeplora d-dewmien, li spiss huwa twil ħafna, li jseħħ fil-fruntieri u l-portijiet u jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda fl-uġigħ u s-sofferenza tal-annimali li dan id-dewmien jikkawża; jistieden lill-Istati Membri li għandhom fruntieri ma' pajjiżi terzi biex jipprovdu żoni ta' mistrieħ fejn l-annimali jkunu jistgħu jinħattu u jingħataw għalf, ilma, mistrieħ u kura veterinarja sabiex ikunu jistgħu jimtlew kif suppost ir-reġistri tal-vjaġġ, u biex jinfetħu toroq ta' passaġġ rapidu ddedikati li jkollhom biżżejjed persunal fid-dwana għall-annimali li qed jiġu ttrasportati biex jitnaqqsu l-perjodi ta' stennija, mingħajr ma tiddgħajjef il-kwalità tal-kontrolli tas-sanità u doganali fil-fruntieri; jistieden aktar lill-Istati Membri jikkooperaw aħjar fl-ippjanar tat-trasport tal-bhejjem, sabiex jevitaw il-wasla ta' numru kbir wisq fil-kontrolli tal-fruntiera fl-istess ħin;

84. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi aktar assistenza reċiproka u skambju ta' informazzjoni aċċellerata, bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha u f'pajjiżi terzi sabiex jitnaqqsu l-problemi tal-benessri u l-mard tal-annimali relatati ma' amministrazzjoni fqira billi jiġi żgurat li l-esportaturi jissodisfaw b'mod sħiħ ir-rekwiżiti amministrattivi; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-benessri tal-annimali fuq livell internazzjonali u twettaq inizjattivi biex iżżid l-għarfien fost il-pajjiżi li mhumiex fl-UE;

85. Jistieden lill-Kummissjoni teżerċità pressjoni fuq pajjiżi fi tranżitu li jistabbilixxu ostakoli burokratiċi u ta' sigurtà li jdewmu bla bżonn it-trasport ta' annimali ħajjin;

86. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni partikolari lill-ksur tal-benessri tal-annimali waqt vjaġġi minn passaġġi fuq l-ilma u marittimi lejn pajjiżi terzi u biex jivvalutaw ksur possibbli ta' leġiżlazzjoni, bħar-rimi pprojbit ta' annimali mejta minn bastimenti fil-Mediterran (li l-marki tal-widnejn tagħhom sikwit jiġu maqtugħa) peress li sikwit ma jkunx hemm possibbiltà li jintremew fil-portijiet ta' destinazzjoni;

87. Jenfasizza d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/544/KE dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport internazzjonali[1], skont liema t-trasport jista' jkun kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: bejn żewġ Stati Membri b'passaġġ mit-territorju ta' stat mhux membru; bejn Stat Membru u stat mhux membru; jew direttament bejn żewġ Stati Membri;

88. Jisħaq fuq l-importanza li sakemm l-istandards tat-trasport tal-annimali f'pajjiżi terzi ma jkunux allinjati ma' dawk tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx biżżejjed biex tkun żgurata konformità sħiħa mar-Regolament, il-vjaġġi tat-trasport tal-annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għal ftehimiet bilaterali biex jiġu mmitigati dawn id-differenzi, u li f'każ li dan ma jinkisibx, dawn għandhom jiġu pprojbiti;

89. Ifakkar lill-Istati Membri li, skont il-ġurisprudenza stabbilita,[2], jistgħu jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, sakemm dawn ir-regoli jkunu konformi mal-objettiv ewlieni tar-Regolament 1/2005;

90. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika u miżuri ta'

---

[1] ĠU L 241, 13.7.2004, p. 21.

[2] Sentenza tal-Qorti (L-Ewwel Awla) tal-14.10.2004 - Kawża C-113/02, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Olanda, u s-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tat-8.5.2008 - Kawża C-491/06, Danske Svineproducenter.

ekwivalenza regolatorji ma' pajjiżi terzi fir-rigward tat-trasport tal-annimali;

91. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Introduzzjoni**

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar il-qagħda tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 li jirregola l-protezzjoni u l-benessri tal-annimali waqt it-trasport. Diversi rakkomandazzjonijiet ta' politika huma fformulati bil-għan li jtejbu l-implimentazzjoni tiegħu, li għadha insuffiċjenti u tvarja ħafna bejn l-Istati Membri.

**Sejbiet ewlenin[1]**

**1. Implimentazzjoni insuffiċjenti**

**1.1. Data mhux kompluta, inkonsistenti u mhux affidabbli biex tiġi analizzata l-implimentazzjoni**

L-approċċi lejn il-ġbir tad-data bejn l-Istati Membri tant ivarjaw li huwa diffiċli li ssir analiżi koerenti tal-implimentazzjoni tar-Regolament. Barra minn hekk, kif jinnota r-rapport speċjali tal-2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-benessri tal-annimali fl-UE, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-data rrappurtata mill-Istati Membri mhijiex kompluta, konsistenti, affidabbli jew dettaljata biżżejjed biex jinsiltu konklużjonijiet dwar il-konformità fil-livell tal-UE[2].

TRACES (il-pjattaforma onlajn tal-UE li tintuża biex timmonitorja distanza twila fl-UE, movimenti transfruntieri ta' annimali) fiha informazzjoni u għodod ta' rapportar li l-awtoritajiet jistgħu jużaw bil-għan li jsiru spezzjonijiet tat-trasporti tal-annimali. Il-Qorti tal-Awdituri, kif indikat fir-rapport speċjali tagħha, sabet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ispezzjonijiet tat-trasport rarament użaw l-informazzjoni mit-TRACES bil-għan li jsiru l-ispezzjonijiet.

Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni tal-konformità mal-linji gwida dwar il-kundizzjoni fiżika tajba fl-Istati Membri għadha kemm bdiet tirriżulta f'data analizzabbli biss (l-unika data li saret pubblika kienet dik għall-2014 u l-2015, u reċentement għall-2016), b'tali mod li hemm nuqqas ta' data pubblika u indikaturi tajbin għall-iżvilupp tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport ta' annimali ħajjin. Huwa partikolarment evidenti li, kif turi analiżi tar-rapporti ta' spezzjoni tal-Istati Membri, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini tal-għadd ta' spezzjonijiet, li jvarjaw minn żero (!) għal diversi miljuni (!) fis-sena, u l-inċidenza ta' ksur li tvarja minn żero għal 16,6 %. Dan jissuġġerixxi li l-Istati Membri jieħdu approċċi differenti għall-ispezzjonijiet, eż. strateġiji każwali kontra strateġiji bbażati fuq ir-riskju.

Hemm ħtieġa ovvja għal standards minimi komuni li jippermettu ġbir u valutazzjoni tad-data aktar armonizzati tal-parametri mmonitorjati.

---

[1] Is-sejbiet huma bbażati, b'mod partikolari, fuq żewġ studji kkummissjonati mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew tal-Parlament. Dawn huma intitolati kif ġej: "Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 (2009-2015), b'fokus fuq ir-reġistrazzjoni tad-data" u "Konformità mar-regoli tekniċi dwar il-kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport".

[2] Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (COM(2016)558 finali tat-8.9.2016) u l-minuti tal-laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt nazzjonali għall-benessri tal-annimali waqt it-trasport.

### 1.2. Il-vjaġġi twal u twal ħafna qed jiżdiedu

Kull sena miljuni ta' annimali jiġu ttrasportati mal-Istati Membri u lejn pajjiżi terzi fuq distanzi twal biex jitrabbew jew jinqatlu. It-trasport joħloq tensjoni kbira għall-annimali peress li jesponihom għal firxa ta' sfidi għal diversi sigħat, li jistgħu jinkludu tnaqqis fl-ispazji fejn joqogħdu, bidliet fit-temperatura, limitazzjonijiet għall-ikel u l-ilma u ċaqliq tal-vettura. Il-perikli matul it-trasport jinkludu firxa ta' kwistjonijiet bħall-kwalità tas-sewqan, il-preżenza ta' tagħmir adegwat u bidliet mhux mistennija fil-kundizzjonijiet tat-toroq jew tat-temp, u għalhekk huwa possibbli li l-annimali, li jkunu ġew iċċertifikati f'kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport fil-post tat-tluq, jimirdu jew ikorru matul it-trasport. Madankollu, ġie stabbilit li l-kontrolli fuq l-annimali qabel u wara l-vjaġġ huma ferm aktar prevalenti mill-kontrolli matul it-trasport. Il-biċċa l-kbira tal-kontrolli huma fil-biċċeriji u jikkonċernaw l-aktar it-trasporti b'distanzi qosra.

Ir-rapporteur jinsab imħasseb dwar in-numru drammatiku ta' rapporti ta' vetturi mhux adatti li qed jintużaw għat-trasport ta' annimali ħajjin kemm fuq l-art kif ukoll bil-baħar. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, it-tbatija addizzjonali tal-annimali hija kkawżata minn vjaġġi twal ħafna li jinkludu waqfiet twal fil-fruntieri għall-kontroll ta' dokumenti, vetturi u annimali. Il-kundizzjonijiet foqra waqt it-trasport marittimu huma kawża oħra ta' tħassib. L-Istati Membri għandhom ikunu aktar rigorużi fil-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' approvazzjoni għall-bastimenti u biex itejbu l-kontrolli fuq il-kundizzjoni fiżika tal-annimali qabel ma jitgħabbew. Ir-rapporteur ukoll huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tipprovdi lista ta' portijiet b'faċilitajiet adegwati għall-ispezzjoni tal-annimali.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' pjanijiet ta' kontinġenza għall-vjaġġi kollha sabiex it-trasportatur ikun jista' jirrispondi b'mod effettiv għall-emerġenzi u jnaqqas l-impatt ta' dewmien jew aċċident fuq l-annimali.

## 2. Huwa meħtieġ infurzar aktar b'saħħtu u armonizzat

### 2.1. Pieni effettivi u dissważivi

Infurzar aktar b'saħħtu u armonizzat b'pieni effettivi u dissważivi huwa ċentrali għat-titjib tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport. Sfortunatament, fir-rigward tas-sistema ta' pieni, jidher li l-Kummissjoni injorat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Diċembru 2012. Il-Kummissjoni injorat ukoll is-sejħa biex tivverifika r-Regolament għal inkompatibilitajiet mar-rekwiżiti legali fi Stati Membri individwali.

Biex l-implimentazzjoni tar-Regolament titjieb, il-ksur ripetut għandu jwassal għal prosekuzzjoni, pieni inkluż il-konfiska ta' vetturi, u taħriġ mill-ġdid obbligatorju għal dawk responsabbli mill-benessri u t-trasport tal-annimali.

Jitfakkar li r-Regolament jagħti setgħat ta' infurzar b'saħħithom lill-Istati Membri, inkluża s-setgħa li t-trasportaturi jkunu meħtieġa jistabbilixxu sistemi biex jipprevjenu r-rikorrenza ta' ksur u biex jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjoni ta' trasportatur.

### 2.2. L-użu tal-aħħar teknoloġija biex tivverifika r-reġistri tal-vjaġġ

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex isaħħu l-infurzar permezz tal-użu tat-

teknoloġija. B'mod partikolari, it-teknoloġija tista' tgħinhom joħolqu ċirku ta' feedback f'ħin reali bejn l-Istat Membru fil-punt tat-tluq u tad-dokumentazzjoni u l-Istat Membru fil-punt tal-wasla. Fil-każ fejn l-annimali li jkunu bdew il-vjaġġ f'qagħda fiżika tajba jaslu f'qagħda fqira, il-kumpanija esportatriċi trid tiġi ppenalizzata minnufih.

## 3. Regolament ta' aġġornament f'konformità mal-aħħar għarfien u teknoloġija xjentifiċi

Jinsisti li l-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u l-aħħar teknoloġija. Sfortunatament, il-Kummissjoni, minkejja rakkomandazzjonijiet ċari mill-EFSA u t-talba tal-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fl-2012, il-Kummissjoni naqset milli taġġorna r-regoli dwar it-trasport tal-annimali bl-aħħar evidenza xjentifika. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dawk ir-regoli malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari, fir-rigward ta' biżżejjed ventilazzjoni u tkessiħ fil-vetturi kollha, sistemi xierqa tax-xorb, b'mod partikolari għall-annimali mhux miftuma, kif ukoll spazju għoli minimu speċifiku.

### 3.1. Definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi kundizzjoni fiżika tajba

L-użu tal-kundizzjoni fiżika waqt it-tagħbija bħala kriterju tal-għażla huwa fattur ewlieni biex tiġi żgurata l-benessri tal-annimali waqt it-trasport, peress li r-riskji għall-benessri waqt it-trasport huma akbar għal annimali li huma feruti jew morda. Huwa essenzjali li l-annimali kollha jiġu kkontrollati qabel jitgħabbew biex jiġi determinat kemm ikunu f'kundizzjoni fiżika tajba għat-trasport, u li l-annimali li mhumiex f'kundizzjoni fiżika tajba jiġu kkurati fil-post tal-oriġini. L-awditi mill-Kummissjoni bejn l-2007 u l-2017 f'diversi Stati Membri kważi dejjem jirreferu għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-kundizzjoni fiżika. Il-kwistjoni tal-kundizzjoni fiżika hija responsabbli għall-akbar perċentwal ta' ksur (b'dokumentazzjoni li tkun it-tieni l-akbar). Barra minn hekk, kif diġà ssemma, ir-reġistrazzjoni tal-konformità mal-linji gwida tal-kundizzjoni fiżika fl-Istati Membri, bdiet tirriżulta biss reċentement f'data analizzabbli, b'tali mod li hemm nuqqas ta' data pubblika u indikaturi tajbin.

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa definizzjoni operattiva kompluta ta' dak li jikkostitwixxi kundizzjoni fiżika tajba, u tipprovdi korsijiet ta' taħriġ tajbin ferm għall-bdiewa, ix-xufiera u l-veterinarji sabiex tnaqqas il-livelli għolja ta' ksur tal-kundizzjoni fiżika fl-Istati Membri.

## 4. Għajnuna ekonomika

Il-PAK torbot il-pagamenti tal-azjendi agrikoli mal-livelli minimi tal-benessri tal-annimali, filwaqt li l-politika ta' żvilupp rurali tinkoraġġixxi lill-bdiewa jsegwu standards ogħla; b'mod partikolari, l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2021 jipprevedi l-miżura tal-Iżvilupp Rurali "pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali" li tipprovdi appoġġ għal standards għoljin tal-benessri tal-annimali li jmorr lil hinn mill-istandards obbligatorji applikabbli. Madankollu, il-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport speċjali tagħha tal-2018, tirrimarka li din il-miżura ma ntużatx b'mod estensiv biżżejjed fl-Istati Membri differenti. Fil-fatt, għaxar Stati Membri lanqas biss bdew jużawha.

Ir-riforma tal-PAK li jmiss għandha żżomm u ssaħħaħ ir-rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u l-kundizzjonijiet imtejba tal-benessri tal-annimali li jirrispettaw bis-sħiħ jew imorru lil hinn mill-istandards stipulati fir-Regolament 1/2005.

## 5. Tnaqqis tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar tal-annimali

Jitfakkar li l-Premessa 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, tiddikjara li għal "raġunijiet ta' benessri tal-annimal it-trasport tal-annimali fit-tul ... għandu jkun limitat kemm jista' jkun".

### 5.1. Strateġiji alternattivi għat-trasport ta' annimali ħajjin

Bħala approċċ ġenerali, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar tal-annimali għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun, b'mod partikolari l-ħinijiet tal-vjaġġi twal u dawk twal ħafna. Dan jista' jintlaħaq l-aħjar permezz ta' strateġiji alternattivi, bħal faċilitajiet ta' qtil lokali ekonomikament vijabbli, is-sostituzzjoni tat-trasport ta' annimali għat-tgħammir permezz tal-użu ta' semen jew embrijuni, it-trasport ta' karkassi u prodotti tal-laħam, kif ukoll permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi fl-Istati Membri li jiffaċilitaw il-qtil fl-azjendi agrikoli.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li t-trasport tal-laħam u prodotti oħra tal-annimali huwa teknikament eħfef u huwa, mil-lat etiku, aktar razzjonali mit-trasport ta' annimali ħajjin għall-iskop uniku li dawn jinqatlu. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni għandha tappoġġa, fejn meħtieġ, il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' qtil ekonomikament vijabbli fl-Istati Membri sabiex l-annimali jinqatlu qrib kemm jista' jkun tal-post tat-trobbija tagħhom. Għandha tiġi żviluppata strateġija biex it-trasport ta' annimali ħajjin jinbidel għal kummerċ ta' laħam u karkassi biss, minħabba l-impatt li għandu t-trasport tal-annimali ħajjin fuq l-ambjent, il-benessri tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel.

### 5.2. Allinjament tal-istandards tat-trasport tal-annimali minn pajjiżi terzi mal-UE

Peress li l-istandards ipprattikati minn pajjiżi terzi mhumiex għoljin daqs dawk fl-UE, il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ ir-rekwiżiti eżistenti fir-rigward tas-sħab kummerċjali tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-kummerċ fl-annimali. Hemm ukoll bżonn ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha u dawk f'pajjiżi terzi sabiex jitnaqqsu l-problemi tal-benessri tal-annimali relatati ma' amministrazzjoni fqira.

Ir-rapporti ta' perjodi ta' stennija estremament twal u ta' sofferenza għall-annimali fil-fruntieri huma xokkanti. Biex tittejjeb din is-sitwazzjoni, huwa ssuġġerit li l-Istati Membri li għandhom fruntieri ma' pajjiżi terzi għandhom jiftħu toroq ta' passaġġ rapidu apposta fid-dwana għall-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati sabiex jitnaqqsu l-perjodi ta' stennija. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ksur tal-benessri tal-annimali waqt vjaġġi marittimi lejn pajjiżi terzi.

Għandu jkun hemm konformità konsistenti u sħiħa mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-424/13. Il-Qorti stabbiliet li, għat-trasport tal-annimali li jinvolvi vjaġġ twil, li jibda fit-territorju tal-UE u mbagħad ikompli barra minnu, sabiex it-trasportatur ikun awtorizzat li jibda l-vjaġġ, jeħtieġlu jippreżenta reġistru tal-vjaġġ li jkun veru u preċiż għall-iskop li tiġi vverifikata l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li, sakemm ma jiġux allinjati l-istandards tat-trasport tal-annimali f'pajjiżi terzi ma' dawk tal-UE, għandhom ikunu pprojbiti vjaġġi tat-trasport ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ ir-rakkomandazzjonijiet ta'

politika ewlenin li ġejjin:

- Il-ħinijiet tal-ivvjaġġar tal-annimali għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun, b'mod partikolari l-ħinijiet tal-vjaġġi twal u dawk twal ħafna; dan jista' jintlaħaq l-aħjar permezz ta' firxa ta' strateġiji alternattivi, bħal faċilitajiet ta' qtil lokali ekonomikament vijabbli, is-sostituzzjoni tat-trasport ta' annimali għat-tgħammir permezz tal-użu ta' semen jew embrijuni kif ukoll it-trasport ta' karkassi u prodotti tal-laħam;

- Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni għandha taġġorna r-regoli bbażati fuq l-aħħar għarfien u teknoloġija xjentifiċi;

- Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa definizzjoni operattiva kompluta ta' dak li jikkostitwixxi kundizzjoni fiżika tajba, u tipprovdi korsijiet ta' taħriġ għall-bdiewa, ix-xufiera u l-veterinarji sabiex tnaqqas il-livelli għolja ta' ksur tal-kundizzjoni fiżika;

- Ir-riforma tal-PAK li jmiss għandha żżomm u ssaħħaħ ir-rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u l-kundizzjonijiet imtejba tal-benessri tal-annimali li jirrispettaw bis-sħiħ jew imorru lil hinn mill-istandards stipulati fir-Regolament 1/2005;

- Huwa rrakkomandat li, sakemm l-istandards tat-trasport tal-annimali f'pajjiżi terzi ma jkunux allinjati ma' dawk tal-UE, għandhom ikunu pprojbiti vjaġġi tat-trasport ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi.

13.12.2018

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapport ta' implimentazzjoni rigward ir-Regolament 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE
(2018/2110(INI))

Rapporteur (*): Karin Kadenbach

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li kull sena jiġu ttrasportati miljuni ta' annimali ħajjin għall-qatla jew għat-tgħammir fl-UE u mill-UE lejn pajjiżi terzi; jinnota li, fejn huwa implimentat u infurzat kif suppost, ir-Regolament (KE) 1/2005[1] għandu impatt pożittiv fuq il-benessri tal-annimali waqt it-trasport; jilqa' l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar is-suġġett, iżda jiddispjaċih li dawn u xi azzjonijiet ippjanati mill-Kummissjoni ġew posposti b'massimu ta' ħames snin[2]; jinnota li problemi kbar bit-trasport għadhom jippersistu u li l-infurzar tar-Regolament se jidher li huwa l-preokkupazzjoni ewlenija ta' dawk involuti fl-implimentazzjoni tiegħu;

2. Jiddispjaċih li numru ta' kwistjonijiet marbuta mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 għad iridu jissolvew, inkluż iffullar żejjed, spazju insuffiċjenti, nuqqas li jkunu pprovduti waqfiet ta' mistrieħ meħtieġa, ikel u xorb, ventilazzjoni u tagħmir li jagħti l-ilma inadegwati, trasport fi sħana estrema, trasport ta' annimali mhux b'saħħithom, trasport ta'

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

[2] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika".

għoġġiela mhux miftuma, il-ħtieġa li jkun aċċertat l-istat ta' tqala ta' annimali ħajjin, kemm qed ikunu kkontrollati r-reġistri tal-vjaġġ, ir-relazzjoni bejn ksur-infurzar-penali, l-impatt "imħallat" tat-taħriġ, edukazzjoni u ċertifikazzjoni, u friex insuffiċjenti, kif identifikati wkoll fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018[1] u organizzazzjonijiet mhux governattivi f'ilmenti ppreżentati lill-Kummissjoni; jitlob titjib fl-oqsma msemmija hawn fuq;

3. Jistieden lill-Istati Membri u lit-trasportaturi sabiex itejbu sostanzjalment l-infurzar u l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tniedi proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li jinstab li mhumiex konformi, sabiex ikun ippreservat il-benessri tal-annimali u tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

4. Jaqbel mal-Kummissjoni li hija prattika tajba li l-awtoritajiet kompetenti jispezzjonaw il-kunsinni kollha ddestinati għall-pajjiżi 'l barra mill-UE fil-fażi tat-tagħbija[2]; jemmen li proporzjon ta' kunsinni fl-UE wkoll jenħtieġ li jiġi spezzjonat fil-fażi tat-tagħbija; jinnota li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw fil-fażi tat-tagħbija li r-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-ispazju ta' art u ta' vojt fuqani qed jiġu rrispettati, li s-sistemi ta' ventilazzjoni u tal-ilma qed joperaw kif suppost, li l-apparat għax-xorb qed jaħdem kif suppost u li huma adegwati għall-ispeċijiet li jkunu qed jinġarru, li ma jitgħabba l-ebda annimal li mhuwiex f'kundizzjoni tajba, u li qed jinġarru biżżejjed għalf u friex;

5. Huwa mħasseb dwar il-fatt li t-tagħbija ta' annimali f'bastiment tal-bhejjem ta' spiss titwettaq b'mod goff; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu kif jixraq l-ispezzjoni ta' qabel it-tagħbija tal-annimali biex jiġi żgurat li dawn ikunu f'kundizzjoni tajba biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom u anke biex jiġi kkontrollat li l-operazzjonijiet tat-tagħbija jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, mingħajr trattament goff u l-użu regolari ta' bsaten u bsaten elettriċi; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex ma japprovawx reġistri tal-vjaġġ f'portijiet li ma jużawx faċilitajiet li jippermettu spezzjoni xierqa tal-annimali qabel ma jitgħabbew;

6. Jisħaq fuq il-punt li t-tbatija tal-annimali waqt it-trasport qed toħloq tħassib u rabja soċjali kbar; jinnota li fil-21 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet 'il fuq minn miljun firma b'appoġġ għall-kampanja #StopTheTrucks, li permezz tagħha ċ-ċittadini Ewropej qed jitolbu li jintemm it-trasport għal distanzi twal;

7. Huwa tal-fehma li n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 huma eżempju ċar tal-ħtieġa li jsiru sforzi akbar fil-prevenzjoni ta' inċidenti serji li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-benessri tal-annimali u l-prosekuzzjoni ta' min jikser il-liġi;

8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1/2005, f'konformità mal-Premessa 11 tiegħu, sabiex dan ikun allinjat mal-għarfien xjentifiku attwali;

---

[1] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni prattika".

[2] "Final report of an audit carried out in The Netherlands from 20 February 2017 to 24 February 2017 in order to evaluate animal welfare during transport to non-EU countries" (Rapport finali ta' verifika li saret fin-Netherlands mill-20 ta' Frar 2017 sal-24 ta' Frar 2017 sabiex jiġi evalwat it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE), il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel, 2017.

9. Ifakkar f'għadd kbir ta' mistoqsijiet parlamentari, ittri u lmenti mibgħuta mill-MEPs lill-Kummissjoni, li jenfasizzaw il-ksur sistematiku tar-regolament u jikkundannaw il-kundizzjonijiet inaċċettabbli ta' stress, uġigħ, diqa u tbatija ta' annimali ħajjin li jiġu ttrasportati fl-Unjoni u lejn pajjiżi terzi;

10. Jiddispjaċih dwar il-ksur tar-Regolament li jikkonċerna n-nuqqas ta' applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar annimali mhux miftuma, bħal għoġġiela, ħrief, qżieqeż u moħor li għadhom fuq dieta tal-ħalib, u jitlob l-introduzzjoni ta' miżuri aktar dettaljati li jiżguraw li l-benessri tal-annimali jkun protett għalkollox meta jiġu ttrasportati;

11. Jinsisti li t-tul taż-żmien tat-trasport tal-annimali jiġi limitat għal tmien sigħat, inkluż il-ħin tat-tagħbija u jitqies il-parir tal-veterinarju speċifiku għall-ispeċi, irrispettivament jekk dan isirx fuq l-art, fuq il-baħar jew fl-ajru; jemmen li annimali mhux miftuma jenħtieġ li ma jkunux ittrasportati fi vjaġġi itwal minn erba' sigħat;

12. Jiddeplora l-fatt li, minkejja rakkomandazzjonijiet ċari min-naħa tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), partijiet mir-regolament mhumiex konformi mal-għarfien xjentifiku attwali dwar il-benessri tal-annimali, kif mitlub mir-regolament stess; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm regoli aġġornati u mtejba dwar:

– ventilazzjoni u tkessiħ fil-vetturi/bastimenti kollha,

– sistemi xierqa tax-xorb, b'mod partikolari għall-annimali mhux miftuma,

– trasport ta' annimali mhux b'saħħithom,

– spazju vojt fuqani minimu miżjud,

– densitajiet ta' ħażna mnaqqsa;

13. Jisħaq fuq il-punt li skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005, l-annimali li jiġu ttrasportati għal distanzi twal iridu jingħataw ilma, għalf u mistrieħ f''ntervalli xierqa u adegwati għall-ispeċi u l-età tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod aktar effikaċi l-konformità sħiħa u armonizzata ma' dawn ir-rekwiżiti legali min-naħa tal-Istati Membri kollha;

14. Jiddeplora d-dewmien, li spiss huwa twil ħafna, li jseħħ fil-fruntieri fejn in-nuqqas ta' mistrieħ, ilma u faċilitajiet għall-kura veterinarja jistgħu jirriżultaw ukoll f'aktar problemi ta' saħħa u benessri tal-annimali, inklużi tbatija u fatalitajiet; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-organizzaturi jippjanaw il-vjaġġi tagħhom aħjar u jisħaq dwar il-ħtieġa li tittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stati Membri differenti sabiex tkun evitata l-konċentrazzjoni ta' trakkijiet li jittrasportaw l-annimali fil-fruntieri;

15. Jinnota li l-infurzar huwa partikolarment diffiċli meta vjaġġ jgħaddi minn bosta Stati Membri differenti u meta Stati Membri differenti huma responsabbli biex japprovaw ir-reġistru tal-vjaġġ, u b'hekk jagħtu awtorizzazzjoni lit-trasportatur u ċertifikat ta' kompetenza lis-sewwieq; jistieden lil dawk l-Istati Membri kollha li jiskopru ksur biex jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra involuti malajr kemm jista' jkun; jinnota li l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 jagħti lill-Istati Membri setgħat ta' infurzar b'saħħithom, inkluża s-setgħa li jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjoni ta' trasportatur

fil-każ ta' ksur serju, filwaqt li jirrikjedu li t-trasportatur ikkonċernat jistabbilixxi sistemi biex jipprevjeni r-rikorrenza tal-ksur u li t-trasportatur ikun soġġett għal kontrolli żejda, bħal pereżempju li għat-tagħbija tal-annimali jkun preżenti veterinarju; huwa mħasseb li f'ħafna Stati Membri dawn is-setgħat mhumiex użati kif suppost u l-użu tagħhom mhuwiex issorveljat; jistieden lill-Istati Membri nnotifikati bi ksur biex jieħdu azzjoni xierqa minnufih sabiex jipprevjenu li l-ksur imsemmi jerġa' jseħħ;

16. Jiddispjaċih li l-għadd totali ta' kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 naqas, minkejja l-fatt li l-għadd ta' kunsinni fl-UE li fihom l-annimali ħajjin żdied[1]; jistieden lill-Istati Membri sabiex iżidu b'mod sinifikanti n-numru minimu ta' kontrolli għat-trasport ta' annimali ħajjin sabiex ikun żgurat il-benessri tal-annimali;

17. Huwa mħasseb dwar il-kundizzjonijiet tat-trasport f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Istati Membri u lit-trasportaturi jirrispettaw b'mod strett id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li kkonkludiet li r-Regolament (KE) Nru 1/2005 japplika wkoll għall-każijiet ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE[2] sakemm jaslu d-destinazzjoni finali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri sabiex fil-punti ta' ħruġ tal-UE jwettqu aktar kontrolli li kull annimal ikun f'kundizzjoni tajba biex ikompli l-vjaġġ lil hinn mill-fruntieri tal-UE;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jżidu u jissikkaw il-kontrolli uffiċjali tat-trasport ta' annimali ħajjin u jirrappurtaw is-sejbiet b'mod dettaljat u trasparenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni għal dan il-għan sabiex tagħmel TRACES disponibbli pubblikament;

19. Jenfasizza l-importanza ta' ċertifikazzjoni ta' taħriġ, edukazzjoni u kompetenza xierqa għas-sewwieqa biex itejbu l-benessri tal-annimali waqt it-trasport; jistieden lill-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, sabiex jiżguraw l-eżistenza ta' taħriġ adattat u armonizzat għall-operaturi involuti;

20. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiżguraw li l-veterinarji uffiċjali jkunu preżenti fil-punti ta' ħruġ tal-Unjoni, li jkollhom il-kompitu li jivverifikaw li l-vetturi użati għat-trasport tal-annimali jkollhom kompartimenti bi spazju biżżejjed biex jevitaw l-iffullar żejjed, li jkun hemm friex, għalf u ilma f'ammonti adegwati għall-ispeċi u l-għadd ta' annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati u li s-sistemi tal-ventilazzjoni u tal-ilma tax-xorb tal-annimali jaħdmu kif suppost;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina kif il-bdiewa, il-biċċeriji u l-industrija tal-ipproċessar tal-laħam jistgħu jiġu inċentivati biex ibiċċru l-annimali tagħhom fl-eqreb faċilità tat-tbiċċir, sabiex jiġu evitati ħinijiet twal ta' trasport tal-annimali u jitnaqqsu l-emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita soluzzjonijiet innovattivi f'dan ir-rigward, bħal soluzzjonijiet ta' tbiċċir mobbli, filwaqt li jkunu assigurati standards ta' benessri tal-annimali għoljin;

[1] Studju – "Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati – Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea", Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), 2018, p. 31.

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, *Zuchtvieh-Export GmbH v Stadt Kempten*, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259.

22. Jikkunsidra li t-trasport ta' laħam minflok ta' annimali ħajjin jista' jtejjeb il-benessri tal-annimali b'mod sinifikanti u jnaqqas il-volum ta' trasport relatat, li jkollu wkoll impatt pożittiv fuq l-ambjent; jistieden lill-Istati Membri u t-trasportaturi sabiex jiżviluppaw strateġiji sabiex jissostitwixxu t-trasport ta' annimali ħajjin bit-trasport ta' prodotti tal-laħam u karkassi;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi r-rekwiżiti għall-postijiet u l-faċilitajiet tal-postijiet ta' mistrieħ;

24. Jiddispjaċih li hemm vetturi u bastimenti li jġorru l-annimali li ma kellhomx jiġu approvati li huma xierqa biex iġorru l-annimali; jirrikonoxxi li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar it-trasport minn bastimenti li jġorru l-annimali sikwit jiġu injorati; jistieden lill-Istati Membri biex la japprovaw u lanqas ma jġeddu l-approvazzjoni tal-vetturi u/jew bastimenti tal-bhejjem li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u sabiex iwettqu l-ispezzjonijiet meħtieġa ta' qabel it-tagħbija ta' basimenti tal-annimali b'mod xieraq;

25. Jinnota li l-bdiewa, it-trasportaturi u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jaf għandhom interpretazzjonijiet differenti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, speċjalment rigward il-kundizzjoni tajba tal-annimali għat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament biex tiċċara r-rekwiżiti għat-trasport fejn meħtieġ;

26. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun magħmul obbligatorju li l-veterinarji jkunu preżenti abbord il-vapuri għat-trasport tal-annimali bil-baħar, biex jirrappurtaw u jirreġistraw l-għadd ta' annimali li jmutu waqt il-vjaġġi bil-baħar u jfasslu pjanijiet ta' emerġenza biex jittrattaw kwalunkwe sitwazzjoni fuq il-baħar li jaf ikollha impatt negattiv fuq il-benessri tal-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati;

27. Jiddeplora l-fatt li skont il-Kummissjoni, id-data rappurtata mill-Istati Membri mhux dejjem tkun kompluta, konsistenti, affidabbli jew dettaljata biżżejjed biex isiru konklużjonijiet dwar il-konformità fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw indikaturi u data pubblika affidabbli sabiex ikejlu l-benessri tal-annimali matul it-trasport ta' annimali ħajjin;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tallinja aħjar il-livelli tas-sanzjonijiet fil-każ ta' ksur, peress li dawn jistgħu jkunu aktar minn 10 darbiet ogħla f'xi Stati Membri milli f'oħrajn; ifakkar li s-sanzjonijiet jenħtieġ li jkunu effettivi, proprozjonati u dissważivi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa pjan direzzjonali biex tallinja s-sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha;

29 Jirrakkomanda rata ogħla ta' investimenti tal-UE fl-iżvilupp ta' trobbija tal-annimali fuq skala iżgħar u bbażata lokalment, kif ukoll il-promozzjoni ta' dieti sani bbażati fuq il-pjanti biex jissostitwixxu l-livell għoli attwali ta' konsum ta' prodotti tal-annimali;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal lista sewda ta' operaturi li jkunu ħatja ta' ksur ripetittiv u serju tar-Regolament, abbażi tar-rapporti ta' spezzjoni u ta' implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna u tippubblika dawn il-listi suwed b'mod frekwenti, u anke tiffaċilita l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-Istati Membri kemm fit-trasport kif ukoll fil-governanza;

31. Jinnota li l-għoġġiela jistgħu jiġu ttrasportati minn meta jkollhom 14-il jum; iqis li huwa impossibbli li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' annimali daqstant żgħar waqt it-trasport, inkluża l-ħtieġa naturali tal-għoġġiela li jitreddgħu minn ommhom, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex ittemm din il-prattika;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe reviżjoni ġejjiena tal-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport tkun ibbażata fuq indikaturi oġġettivi u xjentifikament sodi biex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji b'impatt ekonomiku mhux ġustifikat fuq is-setturi tal-annimali;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa ksur possibbli tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL 73/78);

34. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa ksur possibbli tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port[1] u tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

35. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ispezzjonijiet tat-trasport rarament jużaw l-informazzjoni mis-sistema TRACES għall-ispezzjonijiet fil-mira sabiex jimmonitorjaw movimenti tal-annimali transfruntiera u għal distanzi twal fi ħdan l-UE, parzjalment b'riżultat ta' ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess għall-utenti[2]; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jissimplifikaw l-użu tal-għodda interattiva tat-tiftix;

36. Jitlob li jsir użu minn sistema ta' traċċar tal-GPS, irrispettivament mit-tul tat-trasport;

37. Jinnota li l-awtoritajiet tal-Istati Membri normalment jiddelegaw ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju għall-ispezzjonijiet tat-trasport lill-awtoritajiet lokali[3]; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu sistemi biex jiċċekkjaw l-eżistenza, il-kwalità u l-implimentazzjoni ta' analiżijiet lokali tar-riskju;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament kull sena dwar l-azzjonijiet tagħha rigward il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport;

39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni waqt it-trasport tal-annimali mill-UE lejn pajjiżi terzi bil-baħar, bħar-rimi pprojbit ta' annimali mejta mill-bastimenti fil-Baħar Mediterran (li l-marki tal-widnejn tagħhom sikwit jiġu maqtugħa) peress li sikwit ma jkunx hemm possibbiltà li jintremew fil-portijiet ta' destinazzjoni.

[1] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.

[2] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benessri tal-annimali fl-UE: nagħlqu d-diverġenza bejn il-miri ambizzjużi u l-implimentazzjoni prattika".

[3] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 31/2018 tal-14 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-benessri tal-annimali fl-UE: nagħlqu d-diverġenza bejn il-miri ambizzjużi u l-implimentazzjoni prattika".

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 6.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 4<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Angélique Delahaye, Stefan Eck, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Pavel Poc, Julia Reid, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Caterina Chinnici, Albert Deß, Eleonora Evi, Christophe Hansen, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Norbert Lins, Ulrike Müller, James Nicholson, Sirpa Pietikäinen, Gabriele Preuß, Keith Taylor |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 40 | + |
|---|---|
| ALDE | Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries |
| ECR | Urszula Krupa, Jadwiga Wiśniewska |
| EFDD | Eleonora Evi, Sylvie Goddyn |
| GUE/NGL | Stefan Eck, Anja Hazekamp |
| NI | Zoltán Balczó |
| PPE | Pilar Ayuso, Ivo Belet, Angélique Delahaye, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Julie Girling , Françoise Grossetête, Christophe Hansen, Giovanni La Via, Norbert Lins, Sirpa Pietikäinen, Adina Ioana Vălean |
| S&D | Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Caterina Chinnici, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Pavel Poc, Gabriele Preuß, Damiano Zoffoli |
| Ħodor/AĦE | Marco Affronte, Bas Eickhout, Martin Häusling, Benedek Jávor, Davor Škrlec, Keith Taylor |

| 4 | - |
|---|---|
| PPE | Albert Deß, Elisabetta Gardini, Miroslav Mikolášik, Annie Schreijer-Pierik |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ALDE | Jan Huitema |
| ECR | James Nicholson |
| EFDD | Julia Reid |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

4.12.2018

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni rigward ir-Regolament 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE
(2018/2110(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Keith Taylor

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddeplora l-implimentazzjoni fqira tar-Regolament 1/2005, li twassal għal problemi severi persistenti tal-benessri tal-annimali matul it-trasport; iqis li r-rekwiżiti tar-Regolament ma ġewx issodisfati biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapporti regolari lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament attwali bl-użu ta' data konkreta;

2. Itenni li t-trasport huwa wieħed mill-aktar mumenti sensittivi fil-ħajja ta' annimal u li anke l-aħjar trasport ippjanat jikkawża tbatija ta' stress għall-annimali; iqis, għalhekk, li l-annimali ttrasportati għandhom ikunu soġġetti għall-protezzjoni legali l-aktar għolja u l-aktar stretta possibbli;

3. Jitlob li jkun hemm projbizzjoni fuq il-vjaġġi kollha ta' aktar minn tmien sigħat, ikun xi jkun il-mod ta' trasport, u li l-vjaġġi lejn il-biċċeriji jiġu limitati għal erba' sigħat; jemmen li l-annimali mhux miftuma m'għandhomx jiġu trasportati għal aktar minn erba' sigħat;

4. Jiffavorixxi sistema tat-trasport aktar effiċjenti, aktar ekonomika u aktar etika li tagħti prijorità lit-trasport tal-laħam fuq it-trasport tal-annimali lejn il-biċċerija;

5. Jiffavorixxi l-qatla tal-annimali u l-ipproċessar tal-laħam qrib kemm jista' jkun tal-post

tat-tgħammir, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iżvilupp ta' biċċeriji reġjonali u/jew mobbli;

6. Jirrimarka li madwar 70-80 % tal-vjaġġi jinvolvu annimali għall-qatla, u li t-telfiet ekonomiċi li jirriżultaw minn trasport li jitwettaq b'mod inadegwat jew minn trasport twil wisq jistgħu jkunu għolja ħafna u jnaqqas b'mod sinifikanti l-benessri tal-annimali;

7. Jirrikonoxxi li ħafna problemi jistgħu jinstabu u jiġu rrimedjati qabel il-bidu tal-vjaġġ, u għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri jispezzjonaw il-kunsinni kollha li jkunu ddestinati għal pajjiżi li mhumiex fl-UE u mill-inqas numru minimu ta' vetturi waqt it-tagħbija fi proporzjon man-numru ta' vjolazzjonijiet irrappurtati mill-NGOs u mill-ispezzjonijiet tal-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel; jitlob b'insistenza faċilitajiet xierqa għat-tgħabbir u l-ħatt tal-annimali għal fuq vetturi/bastimenti u persunal imħarreġ b'mod adegwat;

8. Jirrikonoxxi t-tgħawwiġ kurrenti tas-suq ikkawżat minn tariffi differenti applikati għall-annimali ħajjin u għal-laħam, li jinċentiva b'mod qawwi l-kummerċ tal-annimali ħajjin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, flimkien mas-sħab kummerċjali tagħha, teżamina mill-ġdid din id-distorsjoni bl-għan li tnaqqas il-kummerċ tal-annimali ħajjin u, fejn meħtieġ, tissostitwixxi dan il-bejgħ bil-laħam;

9. Jiddeplora l-kundizzjonijiet fil-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri ta' pajjiżi terzi fejn in-nuqqas serju ta' faċilitajiet iwassal għal kjuwijiet twal u ta' tisħin żejjed, sitwazzjoni li tikkawża mwiet u tbatija orribbli għal ħafna annimali;

10. Itenni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea C-424/13 li l-kummerċjanti tal-UE jeħtieġ li jikkonformaw mar-Regolament sad-destinazzjoni finali anke meta kunsinna tkun ħalliet l-Unjoni; jemmen li tali trasport ta' annimali ħajjin għandu jiġi pprojbit sa meta tkun tista' tiġi ggarantita l-konformità; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-benessri tal-annimali fuq livell internazzjonali u tmexxi inizjattivi biex iżżid l-għarfien fost il-pajjiżi li mhumiex fl-UE;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw li t-trasport tal-annimali jkun organizzat kif suppost, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tat-temp u t-tip ta' trasport;

12. Jenfasizza li meta l-annimali jkunu meħtieġa li jinħattu għal perjodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa f'pajjiżi terzi, l-organizzatur irid jidentifika post għall-mistrieħ b'faċilitajiet ekwivalenti għal dawk ta' post ta' kontroll tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jispezzjonaw dawn il-faċilitajiet b'mod regolari u ma japprovawx reġistri tal-vjaġġ jekk il-post propost għall-mistrieħ ma jkunx ġie kkonfermat li għandu faċilitajiet ekwivalenti għal dawk ta' post ta' kontroll tal-UE;

13. Jitlob lill-veterinarji uffiċjali fil-punti ta' ħruġ mill-UE jivverifikaw li l-annimali jinsabu fi stat tajjeb biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom u li l-vetturi u/jew il-bastimenti jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet matul it-trasport marittimu kif stabbilit mir-regolament kurrenti, u jitlob:

– lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti jkunu aktar rigorużi fil-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' approvazzjoni għall-bastimenti u jtejbu l-verifiki dwar

kemm l-annimali jinsabu fi stat tajjeb biex jivvjaġġaw qabel kull tgħabbir;

– lill-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni pjanijiet dettaljati tal-faċilitajiet ta' spezzjoni tagħhom qabel ma jużaw kwalunkwe port bħala punt ta' ħruġ għall-annimali, u lill-Kummissjoni tfassal lista ta' portijiet b'faċilitajiet adegwati ta' spezzjoni tal-annimali, abbażi ta' informazzjoni mill-Istati Membri;

– li veterinarju (jew mill-inqas tekniku tas-saħħa tal-annimali) ikun preżenti matul il-vjaġġi kollha li jsiru bil-baħar;

15. Jenfasizza barra minn hekk il-kundizzjonijiet ħżiena li hemm waqt it-trasport bit-triq, u jistieden:

– lill-Istati Membri jkunu aktar rigorużi fil-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' approvazzjoni għall-vetturi u fil-għoti taċ-ċertifikati ta' kompetenza lis-sewwieqa;

– lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda vojt bejn il-qiegħ tad-diviżjoni u l-art tal-vettura jew bejn it-tarf ta' barra tad-diviżjoni u l-ħajt tal-vettura, u li jkun hemm biżżejjed qiegħa nadifa matul il-vjaġġ kollu;

– lill-operaturi jiżguraw it-taħriġ bir-reqqa tas-sewwieqa li huwa vitali biex jiġi żgurat it-trattament korrett tal-annimali skont l-Anness IV;

16. Jinnota li, minkejja rakkomandazzjonijiet ċari mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), partijiet mir-Regolament mhumiex konformi mal-għarfien xjentifiku kurrenti; itenni t-talba tiegħu biex ir-regoli jiġu aġġornati fir-rigward tal-lakuni li jeżistu bejn il-leġiżlazzjoni u l-aktar evidenza xjentifika riċenti kif identifikat mill-EFSA; Jenfasizza, b'mod partikolari, dan li ġej:

– ventilazzjoni biżżejjed u kontroll adegwat tat-temperatura fil-vetturi kollha;

– sistemi xierqa tax-xorb, b'mod partikolari għall-annimali mhux miftuma;

– għoli minimu biżżejjed u speċifiku biex l-annimali ma jaħbtux rashom mas-saqaf;

– densitajiet imnaqqsa ta' bhejjem;

17. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu sostanzjalment il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005; jinsisti li l-Istati Membri li jidentifikaw ksur tal-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament jużaw is-setgħat ta' infurzar b'saħħithom tagħhom previsti fl-Artikolu 26 tiegħu sabiex jipprevjenu kwalunkwe rikorrenza ta' tali ksur; jistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri jieħdu azzjonijiet korrettivi u japplikaw sanzjonijiet sabiex jevitaw it-tbatija tal-annimali u l-kompetizzjoni inġusta, inklużi s-sospensjoni jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' awtorizzazzjoni ta' trasportatur, u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan;

18. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala gwardjana tat-Trattati, tieħu azzjoni kontra l-Istati Membri li b'mod sistematiku jonqsu milli jimplimentaw u jinfurzaw ir-Regolament, u twettaq eżerċizzju ta' mmappjar tas-sistemi tas-sanzjonijiet, sabiex tiżgura li l-pieni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal, wara li tikkonsulta lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, lista tal-operaturi li jkunu ħatja ta' ksur ripetittiv u serju tar-Regolament, abbażi tar-rapporti ta' spezzjoni u ta' implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika u taġġorna din il-lista sikwit, u wkoll tippromwovi eżempji tal-aħjar prattika, kemm fit-trasport kif ukoll fil-governanza;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tikkoopera mal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), l-EFSA u l-Istati Membri biex tappoġġja l-implimentazzjoni u l-infurzar xieraq tar-Regolament 1/2005 sabiex tippromwovi djalogu msaħħaħ dwar il-benessri tal-annimali waqt kwistjonijiet ta' trasport, b'konċentrazzjoni partikolari fuq:

– l-applikazzjoni aħjar tar-regoli tal-UE dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, permezz ta' skambji tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki u l-involviment dirett tal-partijiet interessati;

– l-għoti ta' appoġġ lill-attivitajiet ta' taħriġ immirati lejn is-sewwieqa u l-kumpaniji tat-trasport;

– it-tixrid aħjar tal-Gwidi u l-Iskedi Informattivi dwar it-Trasport tal-Annimali, tradotti għal-lingwi kollha tal-UE;

– l-iżvilupp u l-użu ta' impenji volontarji min-negozji biex ikomplu jtejbu aktar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport;

– żieda fl-iskambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' ksur ikkawżat mill-kumpaniji tat-trasport u mis-sewwieqa;

21. Jiddispjaċih minħabba l-għadd baxx u insuffiċjenti ta' kontrolli u verifiki uffiċjali, u jemmen li l-għadd ta' spezzjonijiet annwali mmexxija mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju għandu jiżdied; jappella għal sistema ta' monitoraġġ aktar effikaċi u aktar trasparenti, inkluż l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni miġbura permezz tas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (TRACES); jistieden bil-qawwa lill-Kummissjoni tappoġġa studji dwar il-fattibbiltà teknika u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi ta' ġeolokalizzazzjoni tal-annimali biex ikunu jistgħu jiġu traċċati l-post fejn jinsabu u t-tul ta' żmien tal-vjaġġi fil-vetturi tat-trasport, kif ukoll kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-iskedi tat-trasport;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapprova u tressaq proposta għal rieżami tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, bil-għan li jiġu stabbiliti mekkaniżmi msaħħa biex tiġi żgurata l-konformità mill-Istati Membri mar-regoli għall-protezzjoni tal-annimali ħajjin waqt it-trasport.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 5<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Innocenzo Leontini, Peter Lundgren, Gesine Meissner, Renaud Muselier, Markus Pieper, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Keith Taylor, István Ujhelyi, Marita Ulvskog, Peter van Dalen, Wim van de Camp, Marie-Pierre Vieu, Janusz Zemke, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Jakop Dalunde, Mark Demesmaeker, Evžen Tošenovský |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Lieve Wierinck |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 27 | + |
|---|---|
| ALDE | Izaskun Bilbao Barandica, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Lieve Wierinck |
| ECR | Peter van Dalen, Mark Demesmaeker, Peter Lundgren, Evžen Tošenovský, Kosma Złotowski |
| EFDD | Daniela Aiuto |
| GUE/NGL | Tania González Peñas, Merja Kyllönen, Marie-Pierre Vieu |
| PPE | Georges Bach, Dieter-Lebrecht Koch, Markus Pieper |
| S&D | Lucy Anderson, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, István Ujhelyi, Marita Ulvskog, Janusz Zemke |
| VERTS/ALE | Michael Cramer, Jakop Dalunde, Keith Taylor |

| 5 | - |
|---|---|
| PPE | Wim van de Camp, Deirdre Clune, Andor Deli, Innocenzo Leontini, Renaud Muselier |

| 1 | 0 |
|---|---|
| PPE | Massimiliano Salini |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

23.10.2018

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni rigward ir-Regolament 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE
(2018/2110(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ángela Vallina

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-fatt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jirċievi għadd kbir ħafna ta' petizzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, li spiss jiddenunzjaw ksur sistematiku, kontinwu u serju tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[1] kemm mill-Istati Membri u t-trasportaturi;

2. Jiddeplora n-nuqqas gravi ta' approċċ rigoruż mill-Kummissjoni li ssegwi l-każijiet ta' ksur serju u sistematiku tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, li ġiet mgħarrfa direttament dwarhom fi kważi 200 rapport speċifiku u dettaljat tal-NGOs li ntbagħtu lilha mill-2007;

3. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-għadd kbir ta' mistoqsijiet parlamentari u ittri ta' lment li ġew ippreżentati minn Membri tal-Parlamenti Ewropej u li ġew indirizzati lill-Kummissjoni, li fihom ġew enfasizzati l-każijiet ta' ksur sistematiku tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, li jirriżultaw fi tbatija u diffikultajiet kbar għall-annimali waqt it-trasport; jikkritika bil-qawwa l-istatistika pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fir-rigward tat-trasport tal-annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi, li ġiet imfassla mingħajr ebda verifika sistematika fuq il-vetturi tat-trasport tal-annimali;

4. Jikkundanna din is-sitwazzjoni u jqis li huwa inaċċettabbli li, 13-il sena wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, għad hemm bosta evidenzi ta' annimali li jiġu ttrasportati, bi ksur

[1] ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1/2005, f'kundizzjonijiet ħżiena f'mezzi tat-trasport mhux adegwati u ffullati, li jikkawża tbatija żejda għall-annimali u joħloq riskji serji kemm għas-saħħa tal-annimali kif ukoll tal-bnedmin;

5. Jinnota li l-aktar ksur frekwenti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 jirrigwarda l-iffullar u l-ispazju insuffiċjenti li jitħalla lill-annimali fil-vetturi tat-trasport, li jġegħelhom joqogħdu wieqfa f'pożizzjonijiet mhux naturali għalihom għal ħinijiet twal, in-nuqqas ta' rispett tal-intervalli biex l-annimali jingħataw xorb u għalf, tal-perjodi tal-ivvjaġġar u tal-mistrieħ għall-annimali, in-nuqqas ta' adegwatezza tas-sistemi ta' ventilazzjoni u tax-xorb, it-trasport f'temperaturi estremi, it-trasport ta' annimali mhux adatti u l-insuffiċjenza tal-imfierex u tal-għalf;

6. Jinnota bi tħassib kbir li matul vjaġġi twal l-annimali jingħataw ilma kkontaminat u mhuwiex tajjeb għall-konsum u spiss ma jkollhom l-ebda aċċess għall-ilma minħabba l-fatt li t-tagħmir tal-ilma ma jiffunzjonax tajjeb jew ikun ippożizzjonat ħażin, jew il-kwantità insuffiċjenti tal-ilma li ma tkunx adattata skont l-ispeċi u d-daqs tal-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati;

7. Jinnota li l-każijiet ta' ksur irrappurtati tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, li jirrigwardaw in-nuqqas ta' adegwatezza tas-sistemi ta' ventilazzjoni fil-vetturi tat-trasport tal-annimali għal vjaġġi twal, jagħtu xhieda ta' temperaturi estremi ġewwa l-vetturi, li jaqbżu sew il-limiti legali u jirriżultaw fi tbatija terribbli għall-annimali; jinnota li, f'ċerti każijiet, instab li s-sensuri li jimmonitorjaw it-temperaturi fil-vetturi tat-trasport tal-annimali jkunu ġew imbagħbsa;

8. Jinnota li l-Kummissjoni, minkejja li hija konxja tal-fatt li ċerti Stati Membri qed jonqsu milli jirrappurtaw każijiet fejn it-temperaturi tal-vetturi li jintużaw għat-trasport tal-annimali jaqbżu l-35°C, iddikjarat uffiċjalment li ma twettaqx verifiki sistematiċi fuq it-temperaturi interni tal-vetturi, li jagħmilha impossibbli li jkun hemm stampa preċiża tal-kundizzjonijiet tat-trasport tal-annimali;

9. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li l-vjaġġi jiġu ppjanati u mwettqa, mill-punt tat-tluq sad-destinazzjoni, f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, filwaqt li jitqiesu l-mezzi differenti tat-trasport u l-firxa ta' kundizzjonijiet ġeografiċi madwar l-UE u l-pajjiżi terzi;

10. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipprojbixxu t-trasport tal-annimali fuq distanza twila f'kundizzjonijiet ta' temp estremi, speċjalment meta t-temperaturi fil-postijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni, jew matul il-vjaġġ, ikunu previsti li jaqbżu t-30°C; jenfasizza li hemm involuti aspetti oħra fil-benessri tal-annimali apparti t-tul tal-vjaġġ, bħat-tagħbija u l-ħatt xierqa, in-nutrizzjoni xierqa, id-disinn u t-tagħmir tal-vetturi u l-għadd ta' annimali mgħobbija fl-unitajiet tal-kontejner;

11. Jenfasizza li, fil-mument meta dawn ikunu qed jiġu mgħobbija, l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-veterinarji uffiċjali fil-punti ta' ħruġ tal-UE, għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 rigward il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u l-ispazju u l-għoli tal-kompartiment jkunu ġew rispettati, li s-sistemi tal-ventilazzjoni u tal-ilma jaħdmu sew u jkunu adatti għad-daqs u għall-ispeċi tal-annimali ttrasportati, u li jiġu ttrasportati għalf u mfierex suffiċjenti; huwa tal-fehma li, f'dawk il-każijiet li fihom ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jirrikjedi li l-annimali

jitniżżlu f'post ta' kontroll jew għal perjodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa f'pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw ir-reġistri tal-vjaġġ biss wara li jkunu vverifikaw, u rċevew konferma, li l-organizzatur ikun irriżerva post jew sab post għall-mistrieħ li jipprovdi faċilitajiet ekwivalenti għal dawk ta' post ta' kontroll u li, fi kwalunkwe każ, ikun jista' jirrispetta bis-sħiħ il-benessri tal-annimali;

12. Jiddispjaċih profondament li t-tagħbija ta' annimali fuq il-vapuri spiss tinvolvi krudeltà, bħall-użu ta' bsaten u niggieża elettriċi, kif ukoll faċilitajiet ta' tagħbija li jonqsu milli jipprovdu garanziji sħaħ rigward il-benessri tal-annimali;

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 f'dak li jirrigwarda t-trasport tal-annimali mhux miftuma; iqis li huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri aktar dettaljati u inċiżivi biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi kollha relatati ma' dan it-tip ta' trasport;

14. Jesprimi tħassib minħabba n-numru ta' rapporti ta' vetturi mhux adatti li qed jintużaw għat-trasport ta' annimali ħajjin kemm fuq l-art kif ukoll bil-baħar, u jitlob li l-monitoraġġ ta' tali prattiki jittejjeb; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel riċerka dwar kif teknoloġija ġdida u dik eżistenti jistgħu jiġu applikati fuq vetturi tal-bhejjem biex it-temperatura u l-umdità jiġu rregolati, immonitorjati u rreġistrati, peress li dawn huma elementi essenzjali għall-kontroll u l-protezzjoni tal-benessri ta' kategoriji speċifiċi ta' annimali waqt it-trasport, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA);

15. Jiddeplora l-fatt li, minkejja rakkomandazzjonijiet ċari mill-EFSA, partijiet mir-regolament mhumiex konformi mal-għarfien xjentifiku attwali, u jitlob li jkun hemm regoli aġġornati dwar: ventilazzjoni u tkessiħ suffiċjenti fil-vetturi kollha; sistemi għax-xorb xierqa adatti għal speċijiet u etajiet differenti, b'mod partikolari għall-annimali mhux miftuma; rekwiżiti minimi speċifiċi għall-għoli tal-vettura;

16. Jitlob li jkun hemm inqas annimali li jiġu ttrasportati fuq distanzi twal u sabiex it-tul u l-frekwenza tat-trasport tal-annimali jiġu limitati għall-minimu possibbli; huwa tal-fehma li ħafna mill-problemi gravi relatati mal-ħin twil tat-trasport tal-annimali ħajjin, b'mod partikolari mill-UE lejn pajjiżi terzi, jiġu solvuti jekk issir bidla għat-trasport tal-laħam jew tal-karkassi minflok ta' annimali ħajjin;

17. Jitlob li jiġu pprojbiti l-vjaġġi li jaqbżu t-tmien sigħat;

18. Jitlob il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għall-ipproċessar lokali fejn huwa possibbli u l-ħolqien ta' ktajjen ta' provvista iqsar;

19. Jiddeplora bil-qawwa l-infurzar irregolari u fqir tar-regolament f'ħafna Stati Membri, li qed jonqsu milli jimmonitorjaw b'mod effettiv u uniformi u milli jissanzjonaw il-ksur persistenti tal-liġi tal-UE, u b'hekk jippermettu lil uħud mit-trasportaturi joperaw illegalment; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li ħafna Stati Membri ma jużawx b'mod korrett u effettiv is-setgħat mogħtija lilhom taħt l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, fosthom is-setgħa li jitolbu lit-trasportatur ikkonċernat jintroduċi arranġamenti biex jiġi evitat li jerġgħu jseħħu l-irregolaritajiet identifikati, is-setgħa li jwettqu kontrolli addizzjonali, u, b'mod partikolari, li jesiġu l-preżenza ta' veterinarju waqt it-tagħbija tal-annimali, u li jissospendu jew jirrevokaw il-permessi tat-

trasportaturi jew iċ-ċertifikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-mezz tat-trasport użat; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-kontrolli u s-sanzjonijiet madwar l-Istati Membri, tikkunsidra r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet attwali, kif stipulat taħt ir-Regolament KE/1/2005, b'mod partikolari l-Premessa 11 u Artikolu 30(1) tiegħu, sabiex tiżgura li mekkaniżmi ta' sanzjonar effettivi u dissważivi jiġu introdotti u imposti b'mod uniformi madwar l-UE;

20. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kontrolli fil-katina kollha tal-produzzjoni u b'mod partikolari biex iwettqu spezzjonijiet effiċjenti u sistematiċi ta' konsenji ta' annimali qabel it-tagħbija, biex iwaqqfu prattiki li jiksru r-Regolament (KE) Nru 1/2005 u li jirrendu agħar il-kundizzjonijiet għat-trasport tal-annimali fuq l-art u bil-baħar, bħal pereżempju jippermettu li vetturi mgħobbija ż-żejjed u annimali mux adatti jkomplu l-vjaġġ tagħhom, jew jippermettu li l-punti ta' kontroll li ma jkollhomx faċilitajiet adegwati għas-serħan, il-provvista ta' ikel u ilma għall-annimali ttrasportati jistgħu jibqgħu jintużaw;

21. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-infurzar tar-regoli eżistenti billi jiżguraw l-użu effettiv tas-sistemi ta' navigazzjoni li jintużaw meta l-annimali jridu jiġu ttrasportati għal aktar minn tmien sigħat biex b'hekk jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw b'mod aktar preċiż il-vjaġġ u l-ħinijiet ta' mistrieħ ta' tali trasport;

22. Jistieden lill-Istati Membri, meta jidentifikaw ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, jipprovdu n-notifiki previsti fl-Artikolu 26 b'mod dettaljat u sistematiku; jistieden lill-Istati Membri li jirċievu tali notifiki biex jaġixxu b'mod effettiv, konsistenti u f'waqtu sabiex jipprevjenu li l-ksur imsemmi fin-notifika jerġa' jseħħ; huwa tal-fehma li, fejn ikun prattikabbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jehmżu r-ritratti dwar il-ksur identifikat man-notifiki;

23. Jenfasizza li fil-postijiet ta' spezzjoni transfruntiera l-koordinazzjoni insuffiċjenti bejn l-awtoritajiet responsabbli, flimkien man-nuqqas ta' adegwatezza tal-istrutturi u l-proċeduri operattivi wasslet għal perjodi ta' stennija mhux ġustifikati għall-vetturi tat-trasport tal-annimali, li, minħabba t-temperaturi interni estremi u n-nuqqas ta' ventilazzjoni, ħallew impatt devastanti fuq il-benessri tal-annimali, bi ksur ċar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

24. Iqis li huwa tal-akbar importanza li l-awtoritajiet nazzjonali jaderixxu b'mod konsistenti u bis-sħiħ mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' approvazzjoni għall-bastimenti għat-trasport tal-annimali u li huma jirrifjutaw li japprovaw reġistri tal-ivvjaġġar jekk jindikaw l-użu ta' portijiet li ma jkollhomx il-faċilitajiet meħtieġa għall-ispezzjoni sistematika tal-annimali;

25. Jemmen li l-preżenza ta' veterinarji kkwalifikati u indipendenti għandha tkun obbligatorja matul it-trasport tal-annimali bil-vapuri, li l-mewt ta' kwalunkwe annimal matul il-vjaġġ għandha tiġi rrappurtata u rreġistrata u li għandhom jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi u dettaljati biex tiġi indirizzata kwalunkwe emerġenza li tħalli impatt negattiv fuq il-benessri tal-annimali;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex iżżid il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha sabiex tkabbar is-sensibilizzazzjoni u sabiex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki rigward aspetti tal-benessri tal-

annimali fost il-partijiet ikkonċernati differenti li huma involuti fit-trasport tal-annimali ħajjin;

27. Jiddeplora l-fatt li l-konformità mar-regolament fil-każ tat-trasport barra l-UE għadha, fil-maġġoranza kbira tal-każijiet, totalment nieqsa, minkejja li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jirrikjedu li t-trasportaturi jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tiegħu għat-tul kollu tal-vjaġġi b'destinazzjonijiet f'pajjiżi terzi; jitlob l-armonizzazzjoni tar-reġistri tal-popolazzjoni tal-annimali għat-trasport lejn pajjiżi terzi;

28. Jitlob rispett konsistenti u konformità sħiħa mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, inkluż il-Każ C-424/13, tat-23 ta' April 2015[1], li fiha l-Qorti stabbiliet li, sabiex it-trasport tal-annimali li jinvolvi vjaġġ twil, li jibda fit-territorju tal-UE u jkompli barra dan it-territorju, ikun jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq, it-trasportatur jeħtieġlu jkun obbligat jippreżenta reġistru tal-vjaġġ li jkun veru u preċiż għall-iskop li tiġi vverifikata l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-territorju tal-UE u tal-pajjiżi terzi inkwistjoni; jinnota li jekk dan ma jkunx il-każ, l-awtoritajiet responsabbli jenħtiġilhom jingħataw is-setgħa li jirrikjedu l-modifika tal-arranġamenti tat-trasport biex jiżguraw il-konformità mar-regolament għat-tul tal-vjaġġ;

29. Jitlob li jkun hemm infurzar aħjar fl-Istati Membri, kif ukoll mill-operaturi li jittrasportaw annimali barra t-territorju tal-UE, fejn normalment is-sitwazzjoni tal-benessri tal-annimali hija ħafna agħar minn dik fl-UE;

30. Jiddeplora l-fatt li l-istandards milħuqa mis-sħab esterni tal-UE mhumiex għoljin daqs l-istandards fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rekwiżiti mas-sħab kummerċjali tal-Unjoni, jiġifieri s-sħab ekonomiċi internazzjonali, speċjalment fir-rigward tal-importazzjoni ta' annimali minn pajjiżi terzi; jemmen li għandu jkun hemm impatt ekonomiku meta sħab esterni bi standards aktar baxxi jesportaw lejn is-suq tal-UE;

31. Jenfasizza d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/544/KE[2] sabiex tiġi ffirmata l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport Internazzjonali, fejn it-trasport jista' jkun kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: bejn żewġ Stati Membri b'passaġġ mit-territorju ta' stat mhux membru; bejn Stat Membru u stat mhux membru; jew direttament bejn żewġ Stati Membri;

32. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni meħuda mill-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr votazzjoni fil-plenarja fil-Parlament, li ma joħloqx kumitat parlamentari ta' inkjesta dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport fl-UE u barra l-UE, minkejja l-appoġġ ta' għadd kbir ta' Membri Parlamentari Ewropej minn gruppi politiċi differenti; jirrakkomanda, għalhekk, li l-Parlament jistabbilixxi kumitat ta' inkjesta dwar it-trasport tal-annimali fl-UE u barra l-UE mill-bidu tal-leġiżlatura li ġejja sabiex jinvestiga u jimmonitorja b'mod xieraq il-moħqrija fit-trasport tal-annimali;

33. Jitlob lill-Kummissjoni, b'mod urġenti, biex fid-dawl ta' dawn il-kwistjonijiet sistematiċi ta' infurzar, tistabbilixxi monitoraġġ effettiv tal-konformità mar-regolament

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Kamra) tat-23 ta' April 2015, *Zuchtvieh-Export* v *Stadt Kempten*, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259.

[2] ĠU L 241, 13.7.2004, p. 21.

fil-livelli kollha fl-Istati Membri kollha, biex immedjatament tniedi l-investigazzjonijiet meħtieġa dwar ksur possibbli tar-regolament, u biex tiftaħ proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri responsabbli.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 8.10.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Beatriz Becerra Basterrechea, Pál Csáky, Miriam Dalli, Rosa Estaràs Ferragut, Eleonora Evi, Peter Jahr, Rikke-Louise Karlsson, Jude Kirton-Darling, Svetoslav Hristov Malinov, Notis Marias, Ana Miranda, Miroslavs Mitrofanovs, Marlene Mizzi, Virginie Rozière |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Urszula Krupa, Sven Schulze, László Tőkés, Ángela Vallina, Rainer Wieland |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Javier Couso Permuy, Rosa D'Amato, Anja Hazekamp, Barbara Kudrycka |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea |
| ECR | Urszula Krupa, Notis Marias |
| EFDD | Rosa D'Amato, Eleonora Evi |
| GUE/NGL | Javier Couso Permuy, Anja Hazekamp, Ángela Vallina |
| NI | Rikke-Louise Karlsson |
| PPE | Pál Csáky, Rosa Estaràs Ferragut, Peter Jahr, Barbara Kudrycka, Svetoslav Hristov Malinov, Sven Schulze, László Tőkés, Rainer Wieland |
| S&D | Miriam Dalli, Jude Kirton-Darling, Marlene Mizzi, Virginie Rozière |
| VERTS/ALE | Margrete Auken, Ana Miranda, Miroslavs Mitrofanovs |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 12<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Daniel Buda, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Ivan Jakovčić, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Jens Rohde, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Angélique Delahaye, Stefan Eck, Fredrick Federley, Maria Heubuch, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Annie Schreijer-Pierik, Vladimir Urutchev, Thomas Waitz |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Krzysztof Hetman, Stanisław Ożóg |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 22 | + |
|---|---|
| ALDE | Fredrick Federley, Ivan Jakovčić, Ulrike Müller, Jens Rohde |
| ECR | Jørn Dohrmann |
| EFDD | Marco Zullo |
| ENF | Jacques Colombier, Philippe Loiseau |
| GUE/NGL | Stefan Eck, Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Maria Lidia Senra Rodríguez |
| PPE | Czesław Adam Siekierski |
| S&D | Eric Andrieu, Karine Gloanec Maurin, Momchil Nekov, Maria Noichl, Tibor Szanyi, Marc Tarabella |
| VERTS/ALE | Martin Häusling, Bronis Ropė, Thomas Waitz |

| 12 | - |
|---|---|
| ENF | John Stuart Agnew |
| PPE | Daniel Buda, Michel Dantin, Angélique Delahaye, Albert Deß, Norbert Erdős, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Annie Schreijer-Pierik, Vladimir Urutchev |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Paolo De Castro |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Anthea McIntyre, James Nicholson, Stanisław Ożóg |
| PPE | Herbert Dorfmann |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni